San Ġużepp Glorjuż ma' Ħal Kirkop Kollu

Kitba ta' Andrew Borg

Nota Editorjali

Jekk hawn xi ħadd li jista' jixhed kemm l-armar il-ġdid li sar fl-aħħar ħdax-il sena, inħadem dejjem bis-sens u b'rispett sħiħ lejn il-ħajja ta' San Ġużepp u d-devozzjoni lejh, huwa ċertament l-awtur ta' dan l-artiklu. Meta saru l-bandalori ta' Misraħ Ħal Kirkop, meta saru l-Istatwi ta' fuq iz-Zuntier tal-Knisja, meta tpittret il-bandalora tal-Mewt li tintrama fil-Pjazza tal-Knisja u anke seħbitha l-Grandjuża ta' maġenb il-Knisja, dejjem hemm kien Andrew. Serva ta' spalla għalija biex wara li rajtu l-opra tiżżanżan, stajtu tifhmu kemm ħsieb ikun hemm wara disinn, wara pittura jew statwa. U permezz ta' dan l-artiklu estensiv, huwa jterraq mat-toroq ta' Ħal Kirkop fil-jiem tat-Tieni Ġimgħa ta' Lulju, u filwaqt li josserva dak kollu li jkollna armat, iwasslilna l-ħsieb ta' warajh mil-lenti tad-devozzjoni Ġużeppina. Jalla kull opra li ssir ad unur il-qaddisin tagħna, ikollha mistura warajha l-ħsibijiet kollha u t-tagħlim li se jaqsam magħna Andrew Borg!

Minn ġie għall-festa ta' San Ġużepp dawn l-aħħar għaxar snin – u ma nafx min ma ġiex! - seta' jara kif triq wara triq beda jitlibbes mill-ġdid ir-raħal kollu. Rajna qabża kbira fil-kwalità tal-armar li permezz tiegħu Ħal Kirkop kollu jieħu xejra festiva u ta' klassi fl-istess ħin. Rajna l-idejn ta' bosta fost l-aqwa artisti Maltin joħorġu l-isbaħ pitturi, disinji u sfumaturi, statwi dekorati u indurati, kolonni, pilandri, trofej u l-bqija. L-immaġini glorjuża ta' San Ġużepp, u ta' dawk kollha li kellhom x'jaqsmu fl-istorja ta' ħajtu fuq din id-dinja, jew li studjaw, immeditaw, irriflettew u kitbu dwaru wara mewtu, xterrdu mal-pjazez u t-toroq, ewlenin u mhumiex, ta' dan ir-raħal ħelu tagħna. Tajjeb iżda, li wieħed jerġa' jdur ir-raħal kollu bil-mod u joqgħod jifli kull biċċa xogħol tal-arti waħda waħda, sabiex b'dan il-mod wieħed japprezza, mhux biss l-opra artistika minna nfisha, iżda aktar minn hekk, jifhem dak li kull biċċa xogħol trid tgħidilna dwar xi aspett jew ieħor mill-ħajja ta' dan il-qaddis hekk kbir.



Pavaljuni artistiċi mat-toroq kollha taċ-ċentru tar-raħal, bil-maġġor parti minnhom ikunu mżejna b'pitturi differenti marbutin ma' San Ġużepp.

San Ġużepp fil-Pitturi ta' Calì

Hekk kif tasal Ħal Kirkop u tibda dieħel lejn il-knisja jilqgħek sett pavaljuni fi Triq Valletta li għandu bħala tema l-pitturi Ġużeppini tal-magħruf Giuseppe Calì. Id-disinn ta' dawn il-pavaljuni huwa ta' Silvio Pace filwaqt li t-tnax-il pittura li jsebbħu ċ-ċentru ta' kull wieħed minnhom huma ta' David Cioffi. Dan is-sett pitturi jinkludi żewġ titulari ta' parroċċi Ġużeppini, jiġifieri tal-Kalkara u tal-Qala Għawdex, flimkien ma' pitturi li jinsabu fi knejjes oħra parrokkjali, bħal dawk tal-Annunzjata Ħal Tarxien, Sant'Elena Birkirkara, San Ġorġ Ħal Qormi, il-Kunċizzjoni Bormla, San Bartilmew Ħal Għargħur, San Gejtanu l-Ħamrun, kif ukoll oħrajn bħal dik tal-Istitut tal-Bon Pastur Ħal Balzan u tal-Knisja tal-Karmelitani fl-Imdina.

Isem Calì huwa sinonimu mal-immaġini tal-qaddis tagħna u għaldaqstant kien jixraqlu dan il-ġieħ li ngħatalu minn din is-Soċjetà Mużikali Koppina. Giuseppe Calì, li twieled fl-1846[1], kien ġej minn familja Naplitana li tefgħet l-ankri tagħha fi gżiritna proprju ftit qabel twieled l-artist. Giuseppe twieled Malta u għaldaqstant hu meqjus bħala artist Malti, iżda kien intbagħat jistudja Napli għal sentejn. Hemmhekk xorob mill-għajn artistika ta' Domenico Morelli, u rritorna Malta fejn beda jiffjorixxi minnufih bħal artist prolifiku. It-talenti artistiċi tiegħu flimkien

mal-ghomor twil li silfu Alla l-Imbierek, kienu żewġ fatturi li ghenu biex Calì bidel il-wiċċ tal-Arti Maltija u taha x-xejra karatteristika tiegħu li damet tirrenja ghal hafna snin u ghadha apprezzata sal-lum. Il-pitturi tiegħu nsibuhom imxerrda ma' Malta kollha, mhux biss fil-knejjes, iżda wkoll f'palazzi u djar privati. Barra xogħlijiet sagri huwa ħalla wkoll ghadd ta' xogħlijiet oħra bħal *portraits*, xeni ta' pajsaġġ, karikaturi u anke skulturi. Ignazio Carlo Cortis, li ħadem miegħu fuq xogħlijiet kbar bħal pitturi fis-soqfa tal-knejjes ta' Ħal Lija u Vittoriosa, kien iħobb isejjaħlu "x-xitan tal-pinzel", min jaf, forsi anke ghal mod kif kien jirnexxielu jdeffes denbu kullimkien.

Fl-1884, Calì lesta l-pittura ta' San Ġużepp ghall-parroċċa ta' San Gejtanu, il-Ħamrun. Fiorentino u Grasso (1981) jirreferu ghal din il-pittura bħala ħolqien memorabbli tal-artist li *mhijiex magħrufa daqskemm jistħoqqilha*.[2] Tispikka s-sempliċità tal-qaddis fl-ilbies tiegħu, daqskemm jispikka l-mantar li anke jagħttilu rasu biex jissimbolizza l-protezzjoni li kellu jagħti lit-tfajjel Divin skont il-Pjan t'Alla. Fl-1889 Calì joħloq opra oħra l-ġmiel tagħha ghall-parroċċa ta' San Bert ta' Ħal Ghargħur.[3] Din il-pittura kbira li tinsab fuq wieħed mill-altari laterali tirrappreżenta allegorikament lil San Ġużepp bħala Patrun tal-Knisja Universali. Il-pittura li ghandha fiċ-ċentru tagħha lis-Sagra Familja, tinkludi wkoll il-figura allegorika ta' mara li tinsab gharkubbtejha n-naħa ta' San Ġużepp b'mudell ta' knisja f'idejha. Fuq in-naħa l-oħra anġlu ċkejken qed jipponta l-vleġġa tiegħu lejn figura sewdiena titkaxkar mal-art, li tirraffigura l-ereżija. Calì żejjen il-kor tal-Knisja tal-Annunzjata f'Ħal Tarxien b'żewġ kwadri laterali kbar, fost pitturi oħra, li juru "Iż-Żjara tal-Maġi" u "Il-Ħarba lejn l-Eġittu". Fis-sett pavaljuni li qed nitkellmu dwaru hemm rappreżentata din tal-aħħar. Ix-xogħol li kien lest fl-1895 jixhed il-maestrija ta' Calì li kien kapaċi *jgħaqqad ghadd ta' dettalji naturalistiċi flimkien mal-atmosfera ta' kalma li tħaddan dawn l-istess dettalji, u li hija espressjoni tal-paċi smewwija*.[4] Fi kliem ieħor l-artist jinkludi l-elementi kollha tal-pajsaġġ naturali li kien idawwar lill-Familja Mqaddsa – art imħarbta, siġar tal-palm, belt fl-isfond u l-bqija – iżda fl-istess ħin kien jirnexxielu jippreżenta dawn l-elementi b'mod li flimkien iwasslu s-sens ta' paċi divina li kienet tikkaratterizza lil din il-familja.

Triq San Nikola armata b'sett pavaljuni ġodda li jirrappreżentaw il-Patroċinji ta' San Ġużepp.

L-ewwel miż-żewġ kwadri titulari ddedikati lil San Ġużepp li ħarġu minn idejn Calì kien dak tal-Kalkara fl-1898[5]. Mill-ġdid ghandna lil San Ġużepp bħala l-Patrun tal-Knisja Universali, iżda din id-darba m'ghandux lill-Verġni Imbierka ħdejh, iżda lil Ġesù tfajjel biss. It-turbolenza li kienet u ghada ghaddejja minnha l-Knisja u li minħabba f'hekk hija tqiegħdet taħt il-protezzjoni ta' dan il-qaddis, hija rrappreżentata fil-figuri ta' San Pietru bl-imfietaħ f'idu u ta' mara li qed iżżomm is-salib f'id waħda u l-Ewkaristija fl-oħra, it-tnejn fuq dgħajsa maħkuma mill-maltemp, bl-ilma dieħel sew fiha biex tagħti 'l wieħed x'jifhem li qed tegħreq. Il-figura ta' San Ġużepp timplika moviment li bħal ifisser li huwa ġej biex jeħles lill-Knisja ta' Kristu minn dawk li qed jagħmlulha tant ħsara. Dettall partikulari f'din il-pittura huwa l-firma bil-maqlub ta' Calì. Pittura oħra bl-istess tema tal-istess artist tinsab fil-knisja parrokkjali ta' Marsaxlokk.[6]

Fl-istess perjodu Calì tana pittura oħra li sabet postha fuq l-altar maġġur tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġużepp fil-Qala, Ghawdex. Jingħad li ghal din il-parroċċa Calì kellu jissottometti abbozz ghal darba darbtejn, minħabba li fl-ewwel wieħed ma kinitx imdaħħla bi prominenza l-figura tal-Immakulata Kunċizzjoni li hija meqjuma wkoll f'dan ir-raħal.[7] Eventwalment it-tieni abbozz intgħożob u ntgħożob aktar ix-xogħol proprju li saħansitra kien tfaħħar minn artisti bħal Gian Battista Conti, li aktar 'il quddiem kien fdat bix-xogħol tal-Kolleġġjata Ġorġjana fil-Belt Victoria.

Pittura oħra mill-isbaħ insibuha fil-Knisja tal-Bon Pastur f'Ħal Balzan.[8] Il-fatt li mhijiex qiegħda fi knisja parrokkjali jfisser li din il-pittura ma tantx

titgawda, iżda bis-saħħa tal-proġett Koppin ta' dan is-sett pavaljuni li qed nitkellmu dwarhom, tal-anqas qed tingħata aktar attenzjoni, tant li ħafna huma dawk li jistaqsu dwarha u jmorru jfittxuha. Mill-ġdid għandna tiżwieġ mill-isbaħ f'din il-pittura bejn dak li hu tad-dinja u dak li hu tas-sema. Il-Madonna, il-Bambin u San Ġużepp jinsabu fil-post tax-xogħol ta' Ġużeppi, iżda hawn jinsabu f'mument ta' waqfien, bħal biex jikkontemplaw il-kobor ta' dak it-teżor li ġie fdat lilhom – Sidna Ġesù Kristu – li hu stess jinsab ukoll mitluf fid-dehra divina u anġelika li hemm 'il fuq minnu.

Xogħlijiet oħra ta' Calì li juru lil San Ġużepp, li jinsabu fil-Knisja tal-Karmelitani l-Imdina, fil-Bażilika ta' Sant'Elena, B'Kara, fil-Kolleġġjata ta' Bormla u fil-Knisja San Ġorġ, Ħal Qormi, ma jagħmlux għajb lil dawn li tkellimna dwarhom hawnhekk, u huma wkoll rappreżentati f'dan is-sett sabiħ ta' pavaljuni li kif għidna iktar kmieni jsebbħu Triq Valletta.

Il-Patroċinji ta' San Ġużepp

Fi Triq San Nikola jintrama sett pavaljuni li kienu ddisinjati u mpittra minn Josef Camilleri. It-tema ta' dan is-sett hija l-Patroċinji li matul is-snin ġew attribwiti lil San Ġużepp, ibda bl-iktar wieħed importanti, dak tal-Knisja Universali. Barra minn dan iżda, San Ġużepp, kien ddikjarat patrun tal-Ħaddiema, tal-Familji Nsara, tal-Agonizzanti u anke tal-Konċilju Vatikan II.

Bla dubju ta' xejn l-iktar patroċinju għal qalb il-Ġużeppini huwa dak li jqiegħed lil San Ġużepp fuq il-***Knisja Universali***. Ninsabu seba' snin bogħod mill-anniversarju speċjali tal-150 sena minn meta l-Papa Piju IX ipproklama b'mod uffiċjali lil San Ġużepp bħala Patrun tal-Knisja Universali. Iżda l-istorja ta' dan il-patronċinju tmur ħafna aktar lura fis-snin kif ifissrilna l-mibki Patri Guido Schembri (1996).[9] L-ewwel ħjiel ta' dan it-titlu mistħoqq tawhulna l-qaddisin Franġiskani San Bernardinu ta' Siena, Pietru Olivi, Ubertino da Casale u Bartilmew ta' Pisa li kitbu profondament dwar dan il-qaddis kbir. Iżda l-proposta ċara u tonda ħarġet għall-ewwel darba mill-magħruf Josefologu Gerson fil-Konċilju ta' Kostanza fl-1416. Minn dak iż-żmien sal-proklama nnifisha nkitbu ħafna studji Josefoloġiċi, li tefgħu dawl jgħammex fuq il-figura ta' dan il-qaddis, tant li meta l-Knisja kienet għaddejja minn burraxka kbira ta' għawġ u nkwiet, kien hemm qbil bejn għadd kbir ta' isqfijiet mid-dinja kollha u anke mal-fidili membri fid-djoċesijiet tagħhom, li kien meħtieġ li l-Knisja jkollha protettur qawwi u li jixirqilha, bħalma kien San Ġużepp. Dawn talbu lill-Papa Piju IX biex jipproklama din il-protezzjoni bħala waħda uffiċjali. Il-Qdusija Tiegħu laqa' t-talba tagħhom u esprimiha fid-digriet tal-Kongregazzjoni tar-Riti *Quemadmodum Deus* tat-8 ta' Diċembru 1870.[10]

Il-ħsieb wara dan il-patroċinju kien li Ġużeppi, li tant ħa ħsieb il-Familja Mqaddsa fdata lilu minn Alla l-Imbierek, u li ħelisha minn tant perikli fil-perkors tal-ħajja turbolenti tagħha, kien issa msejjaħ biex ikompli din il-missjoni tiegħu mal-familja kbira li hija l-Knisja, li wkoll kellha u għad għandha perkors turbolenti, mimli kuntrarji, għajb u ħsara minn barra u anke minn ġewwa. Ir-rabta ta' Ġużeppi mal-ħajja tal-familja, wasslitu wkoll biex ikun imfittex u eventwalment ddikjarat bħala ***Patrun tal-Familji Nsara***. Kien hemm diversi Papiet li tkellmu fuq dan. Schembri (1996)[11] jikkwota lill-Papa Benedittu XV li jgħid: *Permezz ta' Ġużeppi nersqu direttament lejn Marija, u permezz ta' Marija nersqu lejn l-għajn ta' kull qdusija, Ġesù, li bil-preżenza tiegħu fil-familja qaddes f'Ġużeppi u Marija l-virtujiet tal-familja*.

Il-familja għandha bżonn min isostnieha, u dan is-sostenn għal ħafna snin kien merfugħ esklussivament mir-raġel tal-familja, il-missier, li kien l-uniku sors tal-ħobża ta' kuljum. Il-missier ħaddiem huwa l-bastun tal-familja, dak li jżommha fuq saqajha, dak li jaħseb għal kull bżonn li jkollha, dak li jwieżen lil omm fit-trobbija tagħha tal-ulied. San Ġużepp ukoll kien ħaddiem. Tradizzjonalment tgħallimna li kien mastrudaxxa. Illum il-ġurnata studji Bibbliċi tefgħu dawl fuq il-kelma *tekton* użata fl-Iskrittura Mqaddsa, biex sirna nafu li l-ħidma tiegħu kienet mifruxa lil hinn minn dik ta' sempliċi mastrudaxxa u kienet tinvolvi aspetti oħra ta' kostruzzjoni. Iżda aktar importanti minn hekk, San Ġużepp kien il-ħaddiem eżemplari; il-ħaddiem li qatt ma jieqaf minn ħidmietu hekk mhux meta jsir il-ħin; il-ħaddiem li jagħti kollox għal senagħtu; il-ħaddiem li jagħraf f'ħidmietu okkażjoni waħda wara l-oħra ta' tifħir u glorja lill-Ħallieq.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Papa Piju XII mar ħatru Patrun tal-Ħaddiema u fl-1955 stabilixxa l-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem li bdiet tiġi ċċelebrata fl-1 ta' Mejju, meta l-pajjiżi Komunisti kienu jiċċelebraw Jum il-Ħaddiem. Meta għażel lil San Ġużepp bħala Patrun tal-Ħaddiema, il-Papa Piju XII għamel dan għax ra fih mudell tal-ħaddiem ideali: jiġifieri dak il-ħaddiem li ma jinfexx fix-xogħol u jinsa 'l Alla u 'l proxxmu tiegħu filwaqt li jagħmel dan; iżda jinfexx fix-xogħol biex proprju jkun qrib t'Alla u tal-proxxmu, kull ħin u kull mument. Il-ħidma ta' xi ħadd bħal Ġużeppi hija wkoll att ta' mħabba, att ta' tifħir lil Alla, talba kontinwa. L-istess Papa, dakinhar li nieda l-festa tal-1 ta' Mejju, fl-1955, stqarr *L-ebda ħaddiem ieħor qatt ma rnexxielu jkun maħkum b'mod mill-aktar sħiħ u profond mill-ispirtu tal-Vanġeli, minn... Ġużeppi... li għex ma' Ġesù ħaġa waħda miegħu u b'mod mill-aktar intimu fil-ħajja tal-familja u tax-*

xogħol. Għaldaqstant, jekk intom tixtiequ tkunu qrib ta' Kristu, aħna ntennu llum lte ad Joseph – Morru għand Ġużeppi (Ġenesi 41:55).[12]

Patrunaġġ ieħor, ferm għal qalb id-devoti Ġużeppini, huwa dak tal-agonizzanti, u dan huwa wkoll irrappreżentat f'dan is-sett pavaljuni li qed nitkellmu dwarhom. Żgur li f'xi mument jew ieħor tal-ħajja tagħna sibna ruħna viċin xi ħadd qarib u għażiż jew ħabib tagħna li jkun wasal biex iħalli dan il-wied tad-dmugħ, jekk mhux ukoll aħna stess. F'mumenti profondi bħal dawn dejjem tfeġġ l-immaġini ta' Ġużeppi li kellu x-xorti li meta wasal biex iħalli din id-dinja kellu qrib tiegħu lill-aqwa żewġ teżori li Alla l-Imbierek fdalu biex jieħu ħsiebhom fuq din l-art: Ġesù Kristu, l-Iben t'Alla magħmul bniedem u l-Verġni Imbierka, Marija Santissima. Għal din ir-raġuni, matul is-snin il-fidili Nsara dejjem ħarsu lejn il-mewt ta' dan il-qaddis bħala l-isbaħ mewta li wieħed jista' jkollu, u għalhekk żviluppat din id-devozzjoni fost l-agonizzanti, jiġifieri dawk li jkunu waslu f'xifer il-mewt, u anke fost dawk li jieħdu ħsiebhom u jishru magħhom sal-aħħar.

Gracian (1597)[13] jgħidilna li sa mill-bidu tal-iżvilupp tal-kult Ġużeppin, il-qaddis tagħna kien minnufih ikkunsidrat bħala l-Patrun tal-Mewt it-Tajba. Ir-raġuni għal dan, l-imsemmi Josefologu jsibha f'din il-kwotazzjoni: *Ebda raġel jew mara qatt ma kellhom privileġġ bħal dan, li wieħed imut fil-kumpanija ta' Ġesù u ta' Marija. Ebda sodda tal-mewt ma qatt seta' jkollha xhieda daqstant konsolanti.* Għaldaqstant kien pass mill-aktar loġiku, dak li aħna nduru lejn San Ġużepp u nistaqsuh biex jinterċedi għalina, sabiex aħna wkoll ikollna mewt simili għal tiegħu u nieħdu l-aħħar nifsijiet tagħna fil-kumpanija ta' Ġesù u ta' Marija.[14]



Pavaljun innovattiv li jinkludi d-dawl u d-drapp u li jintrama fl-isqaq ta' wara l-Knisja, faċċata ta' Triq il-Kbira.

Il-ħames u l-aħħar Patroċinju evokat fil-pitturi ta' Josef Camilleri li jżejnu ċ-ċentri tal-pavaljuni fi Triq San Nikola huwa dak iddikjarat mill-maħbub Papa San Ġwanni XXIII li ħasad id-dinja Kattolika bil-proposta tiegħu li jissejjaħ Konċilju, u li tant ippersista biex dan isir minkejja d-diffikultajiet kbar li ġabu dawk ta' madwaru biex dan isir. Il-Papa maħbub, imnebbah mill-eżiti feliċi li dejjem sab Ġużeppi f'mumenti diffiċli għall-Familja Mqaddsa li lilu kienet fdata, għażel lil dan il-qaddis biex ikun il-protettur ewlieni tal-Konċilju Vatikan II. Kien fid-19 ta' Marzu 1961 meta l-Papa San Ġwanni XXIII ippubblika Ittra Appostolika li fiha ddikjara lil San Ġużepp bħala Patrun tal-Konċilju Vatikan II[15], u stqarr li ma setax isib protettur ċelesti aħjar biex f'idejh jafda din il-ħidma kbira ta' analiżi, studju u riforma li l-Knisja daħlet għaliha. Id-dikjarazzjoni tal-Papa kienet tgħid hekk: *It-twettiq tal-Konċilju li virtus divina jidher li għandu jkun epoka fl-istorja tal-Knisja tal-lum, ma jistax ikun fdat f'idejn aħjar minn dawk ta' San Ġużepp, dik ix-Xbieha tas-Sema, Kap tal-Familja ta' Nazzaret u Protettur tal-Knisja Mqaddsa.*[16] Il-Papa ħass li bħalma l-Knisja kienet waslet f'salib it-toroq u kellha tieħu deċiżjonijiet importanti, hekk Ġużeppi, kemm-il darba sab ruħu f'sitwazzjonijiet bħal dawn, fejn kellu jieħu deċiżjonijiet kbar, li l-effett tagħhom ma kienx biss limitat għall-familja ċkejkna fid-daqs iżda kbira fil-grazzja, li kienet fdata lilu, iżda wkoll fuq l-umanità kollha li kienet qed tiddependi fuq l-Iben Divin li kien qed jitrabba fi ħdan din il-familja, biex isalvaha u jeħlisha mid-dnub darba għal dejjem.

San Ġużepp u l-Papiet

Kif qed nitkellmu fuq il-Papa San Ġwanni XXIII u l-Konċilju Vatikan II, jiġi f'moħħna sett ieħor, din id-darba ta' bandalori li jintramaw fi Triq il-Kbira, u li kienu ddisinjati minn Manuel Grech, filwaqt li l-pitturi ċentrali tagħhom saru minn Manuel Farrugia. Is-sett sar biex jitfakkru dawk il-Papiet li f'qalbhom kienu igħożżu d-devozzjoni lejn San Ġużepp, u dawn huma: San Piju X, San Ġwanni Pawlu II, Piju XII, Piju XI, San Ġwanni XXIII, Gregorju XV, Benedittu XV u Sistu IV.

Jekk nippreżentaw dawn il-Papiet f'ordni kronoloġika, nibdew bil-***Papa Sistu IV***. Dan kellu t-tmun tal-Knisja f'idejh bejn id-9 t'Awwissu 1471 u t-12 t'Awwissu 1484. Dan il-Papa jibqa' magħruf mad-devoti ta' San Ġużepp għaliex kien hu li ddaħħal il-festa tiegħu tad-19 ta' Marzu fil-Kalendarju Ruman.[17] Dan seħħ fl-1479, jiġifieri aktar minn ħames mitt sena ilu.

Il-***Papa Gregorju XV*** b'digriet maħruġ fl-1621 għolla din il-festa u rabat magħha l-obbligu tal-quddies u l-astensjoni mix-xogħol. Dan il-Papa, li mexxa l-Knisja ta' Kristu għall-perjodu relativament qasir, mid-9 ta' Frar 1621 sat-8 ta' Lulju 1623, daħal ukoll fil-qlub tal-Ġużeppini minħabba dan il-fatt.

San Piju X, li kien Papa mill-4 t'Awwissu 1903 sal-20 t'Awwissu 1914, afferma d-devozzjoni tiegħu

lejn San Ġużepp kemm-il darba. Biżżejjed insemmu li fl-enċiklika tiegħu tal-4 t'Ottubru 1903 *E Supreme Apostolatus*, huwa fakkar lill-fidili biex fuq kollox *jitolbu dejjem u bil-fiduċja lill-Għarus Kastissimu ta' Omm Alla u Patrun tal-Knisja Universali.*[18] Dan il-Papa huwa assoċċjat ukoll ma' talba lil San Ġużepp għall-ħidma tajba.[19] Barra minn dan Buttiġieg (1996) iżid li Papa Piju X *bl-awtorità appostolika tiegħu approva li l-Litanija f'ġieħ San Ġużepp tidħol fil-kotba tal-Liturġija wara l-Litaniji l-oħra approvati biex jingħaqdu u jitkantaw fil-knejjes kollha* u anke, jissokkta l-Papa *b'sentimenti ta' devozzjoni u tama sħiħa (l-Insara) jiftakru fih* u b'ħerqa jistudjaw il-virtujiet ta' Dak li kiseb l-għajnuna għall-Familja ta' *Nazzaret u ħarisha, u b'talb ta' spiss jitolbuh l-għajnuna setgħana tiegħu għall-familja tal-bnedmin u s-soċjetà li għandhom tassew bżonnha.*[20]

Papa ieħor għall-qalb il-Ġużeppini u li nsibuh ukoll impitter minn Manuel Farrugia fuq waħda minn dan is-sett ta' bandalori, huwa ***Papa Benedittu XV*** li mexxa l-Knisja mit-3 ta' Settembru 1914 sat-22 ta' Jannar 1922. Fi żmienu kien iċċelebrat il-50 anniversarju mill-proklamazzjoni ta' San Ġużepp bħala Patrun tal-Knisja Universali. F'din l-okkażjoni l-imsemmi Papa xandar *Motu Proprio*, bl-isem *Bonum Sane* li jġib id-data tal-15 ta' Lulju 1920. Il-Papa jisħaqq fuq il-qawwa tad-devozzjoni lejn San Ġużepp u jippreżentaha bħala rimedju għall-problemi ta' wara l-Gwerra. Huwa b'ferħ innota li din id-devozzjoni li kibret u nfirxet mad-dinja kollha, kabbret id-devozzjoni u l-attenzjoni lejn il-Familja Qaddisa u ċ-ċentru tagħha li hu Ġesù Kristu. Fi kliem il-Papa nnifsu: *B'San Ġużepp aħna naslu dritt għand Marija, u b'Marija għand il-għajn ta' kull qdusija, Ġesù Kristu.*[21] L-istess Papa fl-enċiklika *Spiritus Paraclitus* tal-15 ta' Settembru 1920 waqt li jitratta l-lingwaġġ użat fil-Kotba Mqaddsa josserva li *meta xi kittieb isejjaħ lil Ġużeppi missier, dan għandu jifhem dak kollu li l-kelma missier tfisser u ġġorr magħha.*[22] Wieħed jiftakar kemm sforzi saru minn studjużi matul is-snin li ppruvaw isibu aġġettivi differenti biex ifissru l-paternità ta' San Ġużepp. Hawnhekk il-Papa jafferma li San Ġużepp kien missier Ġesù, għax Alla hekk ippermetta u hekk kellu mfassal fil-Pjan tas-Salvazzjoni tagħna.

Il-***Papa Piju XI***, li mexxa l-Knisja Kattolika bejn is-6 ta Frar 1922 u l-10 ta' Frar 1939 u li fi żmien l-Vatikan kien rikonoxxut bħala stat Sovran, rabat ismu ma' dak ta' San Ġużepp kemm-il darba tul il-Papat tiegħu. Hawn se nsemmu ħamsa minnhom kif isemmihom Sciberras (2009)[23]:

Fil-21 t'April 1928, l-imsemmi Papa jafferma s-superjorità tal-qaddis tagħna fuq San Ġwann il-Battista – il-prekursur ta' Sidna Ġesù Kristu, u San Pietru, il-Kap tal-Knisja magħżul minn Kristu nnifsu;

Fid-19 ta' Marzu 1935, il-Papa jfiehem li San Ġużepp huwa appartenenti u ħaġa waħda ma' Ġesù u Marija fl-Ordni Ipostatika[24], u proprju minn hawn ġejja l-qawwa tal-interċessjoni tiegħu;

Fl-20 ta' Diċembru 1935, fl-enċiklika tiegħu *Ad Sacerdotii Catholici* dan il-Papa saħaq hekk *L-imgħallem divin sa minn ċkunitu ried li jkun edukat fid-dar ta' Nazzaret ma' Marija u Ġużeppi, it-tnejn verġni*;

Fid-19 ta' Marzu 1937, f'enċiklika oħra tal-istess Papa, din id-darba bl-isem *Divini Redemptoris*, San Ġużepp hu ppreżentat bħala mudell u patrun tal-ħaddiema u dan quddiem it-theddid ta' dak iż-żmien li kien ġej mill-moviment Komunista.

Il-***Papa Piju XII***, li kien is-suċċessur ta' Piju XI, u li l-Papat tiegħu kien pjuttost twil (2 ta' Marzu 1939 sa 9 t'Ottubru 1958), u matulu huwa indirizza lill-poplu t'Alla għal elf darba, u ħafna drabi kien imxandar dirett fuq ir-radju. Huwa ħareġ 41 enċiklika u għaldaqstant nistgħu nifhmu kemm hu vast u profond il-maġisteru tiegħu. Wieħed jistenna li San Ġużepp issemma kemm-il darba fi ħdan l-imsemmi maġisteru papali u mhux possibbli li hawn insemmu kollox, iżda jekk nerġgħu nieħdu lil Sciberras (2009)[25] bħala riferenza tagħna, insibu li:

Fl-10 t'April 1940, il-Papa tkellem dwar ir-rwol ta' San Ġużepp bħala Kap tal-Familja Mqaddsa;

Fl-20 ta' Novembru 1947, fl-enciklika *Mediator Dei* l-Papa tkellem mhux biss fuq il-kult mifrux u mħeġġeġ lejn il-Verġni Omm Alla iżda wkoll dwar dak tal-"Għarus purissimu tagħha";

Fil-25 ta' Marzu 1954 fl-enċiklika *Sacra Virginitas* li titratta dwar iċ-ċelibat tas-saċerdot il-Papa jislet kliem San Pier Damiani fejn qal *il-Feddej tagħna tant ħabb l-integrità tal-modestja, li mhux biss twieled minn ġuf verġinali, imma ried ukoll li jkun mgħasses minn żwieġ ta' bejn żewġ verġni.*

Data importanti ħafna hi dik tal-1 ta' Mejju 1955 meta fl-okkażjoni tal-għaxar sena mit-twaqqif tal-Assoċjazzjoni Kristjana tal-Ħaddiema Taljani (ACLI) il-Papa ppropona lil San Ġużepp bħala Patrun u mudell tal-Ħaddiema, u waqqaf il-festa liturġika ta' San Ġużepp Ħaddiem biex tikkoinċidi ma' Jum il-Ħaddiem li diġà kien jiġi ċċelebrat mill-Komunisti.

San Papa Ġwanni XXIII kien devot kbir ta' San Ġużepp, tant li jingħad li fi tmiem il-Konklavi li eleġih bħala Papa huwa kien wera x-xewqa li jieħu l-isem ta' Ġużeppi, iżda mbagħad dehrlu li la qatt ma sar dan minn Papiet ta' qablu ma kellux ikun hu l-ewwel wieħed.[26] Dan anke qalu pubblikament matul il-papat tiegħu, bħalma kien iħobb itenni wkoll li t-talba favorita tiegħu kienet "O Mqaddes Ġużeppi" introdotta mill-Papa Ljun XIII biex tingħad fi tmiem ir-Rużarju tul ix-

xahar ta' Ottubru. Papa San Ġwanni XXIII ingħaqad mal-Papiet ta' qablu li raw il-kobor ta' San Ġużepp fil-qrubija tiegħu lejn Ġesù u Marija għax proprju għex magħhom fid-dar ta' Nazzaret, iżda ried imur aktar minn hekk u ffoka fuq il-virtujiet li dan il-qaddis kien imżejjen bihom huwa stess.[27] Araw xi kliem sabiħ imur juża fl-Eżortazzjoni Appostolika *Sacrae Laudis* tas-6 ta' Jannar 1962, fejn qal *San Ġużepp mhux biss kien jara, u jisma', iżda wkoll iġorr, ibus, ilibbes u jieħu ħsieb lil Alla nnifsu.*[28] L-aqwa mument ta' din id-devozzjoni Ġużeppina minn Papa tant maħbub intlaħaq meta San Ġwanni XXIII għażlu bħala l-protettur ċelesti tal-Konċilju Vatikan II li huwa kien nieda. Iżda dwar dan tkellimna aktar kmieni f'din il-kitba stess.

Nagħlqu bil-Papa ta' żmienna biex insejħulu hekk, ***San Papa Ġwanni Pawlu II***, li huwa aktar minn Papiet oħra meqjus bħala l-Papa tagħna, għax anke kien fostna għal darba darbtejn. Forsi anke frott it-trobbija tiegħu fid-dell tal-kunvent Karmelitan fil-Polonja art twelidu, dan il-Papa kellu wkoll devozzjoni kbira lejn dan il-qaddis. Tul il-Papat twil tiegħu, huwa tkellem dwar San Ġużepp kemm-il darba, ibda mill-kommemorazzjonijiet tad-19 ta' Marzu, sena wara l-oħra, u kompli fil-kitbiet uffiċjali tiegħu li jinkludu enċikliki, ittri appostoliċi u eżortazzjonijiet appostoliċi, inkluża dik iddedikata kollha kemm hi għal dan il-qaddis tagħna, *Redemptoris Custos* tal-1989[29]. Din l-eżortazzjoni fil-fatt kienet ippubblikata fl-okkażjoni taċ-ċentinarju tal-Enċiklika *Quamquam Pluries* tal-Papa Ljun XIII. F'din il-kitba uffiċjali, il-Papa Ġwanni Pawlu II imur ipoġġi lil San Ġużepp fil-qalba tal-misteru tar-Redenzjoni. San Ġużepp ma jibqax iktar fid-dell iżda jsir ko-protagonista bi rwol ċar u tond f'dan il-misteru tant għażiż li Alla l-Missier għoġbu jfassal għas-salvazzjoni tagħna. Il-Papa jgħid li San Ġużepp *wera bil-fatti l-paternità tiegħu billi ried li ħajtu kollha tkun ħajja ta' qadi u ta' sagrifiċċju għall-Ministeru tal-Inkarnazzjoni (n.8)*".[30] In-Nisrani huwa mistieden biex *iżomm ukoll dejjem fi ħsiebu l-mod kif San Ġużepp kien iġib ruħu bl-umiltà u l-irġulija kollha, fil-qadi u fit-tisħib tiegħu fil-ħidma għas-salvazzjoni tal-bniedem (n.1).*[31]

Il-Papa Ġwanni Pawlu II semma u tkellem dwar dan il-qaddis kemm-il darba, tant li wieħed jeħtieġ ktieb għalih biex jellenka u jfisser it-tagħlim tiegħu dwaru, iżda wieħed ta' min isemmi wkoll li fi żmien dan il-Papa l-Knisja ppubblikat il-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (dokument li ġie wkoll maqlub għall-Malti). F'dan id-dokument importanti għall-ħajja tan-Nisrani, tingħata attenzjoni ġusta għal *misteru tat-tfulija u għall-ħajja moħbija ta' Ġesù li tagħhom San Ġużepp kien 'ministru' (nn.522-534)* filwaqt li f'taqsima oħra hemm stedina biex aħna l-insara *dejjem nafdaw f'San Ġużepp ħarries tal-mewta tajba (n. 1014).*[32]

San Ġużepp u l-Ordnijiet Reliġjużi

Ċertament fi ktieb kommemorattiv bħal dan wieħed ma jistax jistenna li jsib iddokumentat dak kollu li jeżisti dwar is-suġġetti magħżula għall-imsemmija pitturi li jżejnu l-armar fit-toroq ta' Ħal Kirkop. Iżda dak li qed inwasslu minn hawnhekk jiftħilna l-bibien tal-kurżità għarriexa tagħna biex insiru nafu aktar dwar dawk kollha li tkellmu, ippritkaw, faħħru, kantaw u kitbu dwar San Ġużepp. Fost dawn insibu anke qaddisin oħra li wrew pubblikament l-ammirazzjoni kbira li kellhom lejn dan il-qaddis kbir. Erba' minnhom fil-fatt, iddedikaw l-Ordni li waqqfu huma stess lil San Ġużepp u għażluh bħala Patrun tagħhom. Dawn huma: Sant'Injazju ta'Loyola (Ordni tal-Ġiżwiti), San Ġwann tas-Salib (Ordni tal-Karmelitani Skalzi), San Ġwann Bosco (Ordni Salezjan) u San Ġwann Battista de La Salle (Ordni tal-Freres ta' De la Salle). Il-pittur Kurt Friġġieri tqabbad biex ifakkar il-patrunaġġ Ġużeppin ta' dawn l-erba' ordnijiet f'sett ta' pitturi għall-pavaljuni ddisinjati minn Silvio Pace biex isebbħu Triq Santu Rokku.

Nibdew b'San Ġwann Battista De La Salle, li wara Santa Tereża nistgħu ngħidu li huwa l-qaddis li l-aktar xerred id-devozzjoni lejn San Ġużepp.[33] Huwa kien tal-fehma li ma tistax tħobb tassew lill-Madonna mingħajr ma tħobb ukoll lil żewġha verġni.[34] Huwa kien iħobb isejjaħlu "missieru" u lill-Freres kien iħeġġiġhom biex *lil San Ġużepp għandkom titolbuh ukoll, għax hu l-Patrun u l-Protettur tas-Soċjetà: kunu żguri li hu għandu qawwa kbira quddiem Alla.*[35]

San Ġwann Battista de la Salle, li twieled f'Rheims fi Franza fit-30 t'April 1651 u miet fl-età ta' 67 sena fis-7 t'April 1719, waqqaf l-Istitut tal-Aħwa tal-Iskejjel Kristjani, li aħna nafuhom popolarment bħala l-*brothers* ta' de la Salle jew inkella l-*freres*. Hawn Malta għandna x-xorti li għandna minnhom ukoll, għax barra hawn, issibhom biss fl-Irlanda, fl-Awstralja u fl-Asja. Iddedika ħajtu għat-tagħlim

Pavaljuni fi Triq Santu Rokku li jfakkru ordnijiet u soċjetajiet reliġjużi li ħatru lil San Ġużepp bħala Patrun u Protettur tagħhom.

tat-tfal fqar fi Franza u introduċa metodi ġodda ta' tagħlim. Xtaq li l-għalliema tal-iskejjel tiegħu jżommu lil San Ġużepp bħala x-xempju tagħhom, dan għaliex San Ġużepp kien ħa ħsieb l-edukazzjoni ta' Ġesù, allura kien jemmen li ma kien hemm ħadd aqwa minnu li jista' jagħtihom eżempju tajjeb f'dik li hija trobbija u edukazzjoni. Huwa ried li f'kull klassi jkun hemm xbieha ta' San Ġużepp. Barra minnhekk huwa kien konvintissimu mill-qawwiet interċedivi ta' dan il-qaddis. F'talba minn tiegħu jistqarr *Għandi fiduċja kbira li Alla jagħtini kulma Inti titolbu għalija.*[36] Din id-devozzjoni kbira Ġużeppina, De La Salle xerridha bil-ħafna kitbiet tiegħu dwar il-qaddis, fost oħrajn Buttiġieġ (1996) isemmi żewġ volumi ta' 1311 il-paġna[37], li jinkludu katekiżmu sħiħ fuq San Ġużepp. M'aħniex se nidħlu fil-fond ta' dan it-tagħlim lesallejan imma biżżejjed ngħidu li dan il-qaddis stqarr fehmtu bl-aktar mod ċar meta qal *hemm raġuni biżżejjed li nemmnu li bi privileġġ speċjali San Ġużepp kien meħlus għalkollox mid-dnub.*[38]

Sant'Injazju ta' Loyola, qaddis ieħor kbir, twieled fit-23 t'Ottubru 1491 u miet fil-31 ta' Lulju tal-1556 kien fil-fatt kavallier Spanjol li kien ġej minn familja nobbli, iżda li ddeċieda li jsir eremita mbagħad saċerdot u eventwalment teologu kbir. Waqqaf is-Soċjetà ta' Ġesù (tal-Ġiżwiti) u kien l-ewwel superjur ġenerali tagħha. Kien fidilissimu lejn il-Knisja Kattolika u kien xempju ta' ubbidjenza. Bagħat lill-Ġiżwiti sħabu bħala missjunarji madwar l-Ewropa kollha biex waqqfu skejjel, kulleġġi u seminarji. Bħal qaddis li semmejna qabel kellu għal qalbu ħafna l-edukazzjoni. Midgley jistqarr li d-devozzjoni ħadet spinta 'l quddiem meta l-Papa Pawlu III rrikonoxxa ż-żelu tal-Ġiżwiti, li barra mill-ideat ġodda li bdew jippromwovu kellhom ukoll devozzjoni qawwija lejn San Ġużepp, li kienet ġejja mill-fundatur tagħhom Sant'Injazju.[39]

San Ġwann tas-Salib għandu wkoll ismu marbut mar-riforma Karmelitana li tant ħadmet għalija Santa Tereża ta' Ġesù, u allura ma setax ma jiddakkarx mid-devozzjoni kbira li nibtet u xxerrdet fi ħdan il-ġnien tal-Karmelu u li tant tkellmet dwarha u nsistiet fuqha din il-qaddisa kbira. Però San Ġwann tas-Salib kellu wkoll il-ħajja spiritwali tiegħu li kienet karatterizzata minn viżjonijiet li fihom kellu inkontri mhux biss mal-Madonna, ma' Ġesù u ma' San Ġwann il-Battista, iżda anke wkoll ma' San Ġużepp.[40] San Ġwann Tas-Salib hu meqjus bħala l-fundatur tal-Ordni tal-Karmelitani Skalzi, flimkien ma' Santa Tereża, ordni li nafu li tqiegħdet taħt il-patronċinju tal-qaddis tagħna San Ġużepp.

San Ġwann Bosco, qaddis ieħor li ismu hu marbut mat-trobbija u l-edukazzjoni tat-tfal, twieled fl-Italja fis-16 t'Awwissu 1815 u miet fl-età ta' 72 sena fil-31 ta' Jannar 1888. Iddedika ħajtu għat-tfal u ż-żgħażagħ tat-triq li kienu jinkludu wkoll delikwenti. Waqqaf l-Ordni tas-Sależjani ta' Don Bosco u flimkien ma' Maria Domenica Mazzarello waqqaf ukoll l-Istitut ta' Ulied Marija Għajnuna tal-Insara. Kien jemmen li lit-tfal mhux biżżejjed li tħobbhom, imma trid turihom li tħobbhom. F'dan id-dawl huwa ra lil San Ġużepp bħala l-eżempju per eċċellenza tal-imħabba tal-missier lejn l-ulied.



L-ewwel pavaljun mis-sett ta' Triq San Leonardu.

San Ġużepp magħżul Patrun ta' Pajjiżi

Is-sett ta' pavaljuni li jintrama fi Triq San Leonardu, iddisinjat minn Joseph Tanti, jinkludi pitturi ta' Ryan Stivala li jevokaw sitt pajjiżi fost ħafna oħrajn li huma ddedikati lil dan il-qaddis jew li għażlu lilu bħala l-Patrun ewlieni tagħhom. Sintendi hawnhekk wieħed kellu jagħmel għażla, dwar liema pajjiżi se jirrappreżenta f'dawn il-pitturi. Biss biss fis-sit *Saints. SQPN.com*[41] li kkonsultajna dan l-aħħar sibna li San Ġużepp huwa l-Patrun tal-Kontinenti Amerikani, tal-Awstrija, il-Belġju, il-Bohemia, il-Kanada, iċ-Ċina, il-poplu Kroat, il-Korea, il-Messiku, New France, New World, il-Peru u l-Vjetnam. Minbarra dawn l-istess sit jagħti lista komprensiva ta' djoċesi u arċidjoċesi li wkoll għandhom patrunaġġ Ġużeppin. Imbagħad isemmi wkoll postijiet fi ħdan pajjiżi oħra, inkluża Malta, li għandhom lil San Ġużepp bħala patrun, u allura dan l-istess sit isemmi lill-Imsida, il-Kalkara, il-Manikata, Birkirkara u l-Qala Għawdex. Fil-pajjiż ġirien tagħna l-Italja nsibu per eżempju Castelpiano f'Ancona, Firenze, Fonte Nuova, La Spezia, Ladispoli, Orvieto, Querceta, Santa Marinella, Turin, Radazzo u Spadafora fi Sqallija, u saħansitra Sqallija nnifisha.

Il-mibki Josefologu Patri Guido Schembri jfisser kif wara l-Konċilju ta' Trento, l-Ordnijiet Reliġjużi komplew isaħħu d-devozzjoni lejn San Ġużepp. *Imbagħad... beda jkun maħtur b'patrun ta' pajjiżi sħaħ. Il-Messiku għażlu b'patrun fis-sena 1555 u fis-seklu 17 il-Kanada u ċ-Ċina b'digriet tal-Papa Innoċenż XI għamlu l-istess.*[42]

Il-Purċissjoni bl-Istatwa għażiża ta' San Ġużepp għaddejja minn taħt il-Pavaljuni ġganteski ta' quddiem l-Iskola Primarja. Il-qies tagħhom b'wisa' ta' 36 pied jagħmilhom indiskutibbilment l-akbar fir-raħal tagħna.

San Ġużepp u Qaddisin li xerrdu d-Devozzjoni tiegħu

L-ewwel pavaljun minn sett ġdid ta' erbgħa ddisinjat minn Jeremy Cachia u li se jintramaw fi Triq San Benedettu jinkludi erba' pitturi ta' Paul Falzon li juru qaddisin li komplew xerrdu d-devozzjoni lejn San Ġużepp. Dawn il-qaddisin kbar huma San Franġisk ta' Sales, San Bernard, San Bonaventura u San Ġwann Kriżostmu.

San Franġisk ta' Sales, li twieled fi Franza fl-1567 u miet fl-1622, huwa eżempju ċar ta' xi ħadd li minkejja li jsib kull xkiel kontra tiegħu jasal biex iwettaq dak li Alla sejjaħlu għalih. Missieru bagħtu jitħarreġ biex isir suldat, iżda hu f'moħħu baqa' jżomm ideal wieħed, dak li jkun ta' Kristu. Mhux talli sar ta' Kristu, talli ġibed ħafna oħrajn lejn Kristu bit-tagħlim kbir li huwa xandar frott l-istudji profondi li huwa daħal fihom. Tkellem mhux biss fuq Sidna Ġesù Kristu u Ommu Marija, iżda anke dwar San Ġużepp. Minn fommu ħareġ kliem mill-isbaħ dwar l-għażla Divina ta' Ġużeppi: *X'inhu Ġużeppi jekk mhux ilqugħ mill-aktar sod, mogħti lilha minn Alla, biex il-purità tagħha tkun protetta b'mod mill-aktar integru taħt il-velu u d-dell taż-żwieġ qaddis. Jekk Marija hija bieb, igħid il-Missier Etern, Aħna nagħżlu li dan il-bieb ikun wieħed li ma jinfetaħx, għaliex hija l-bieb tal-lvant li minnu ħadd ma jista' jidħol jew jgħaddi (Eżek. Xiiv 1,2); għaldaqstant hemm bżonn li dan il-bieb insaħħuh b'injam li ma jitmermirx, u dan nistgħu nagħmluh billi nagħtuha kumpann fil-purità, u dan hu l-kbir patrijarka San Ġużepp, li f'dan is-sens kellu jgħaddi lil kull qaddis ieħor u l-anġli u saħansitra l-Kerubini nfushom f'dak il-virtù eminenti tal-virginità.*[43]

Għal San Franġisk ta' Sales, San Ġużepp mhux biss patrijarka iżda arċipatrijarka; mhux biss konfessur, iżda huwa akbar minn kull konfessur għax fil-konfessjoni tiegħu ssib id-dinjità tal-isqfijiet tal-Knisja, il-ġenerożità tal-martri u tal-qaddisin l-oħra kollha.[44] Tant jgħolli lil Ġużeppi fit-tifħir tiegħu, dan il-qaddis, li jmur jistqarr li ma setax eżistew kreatturi aktar puri, aktar maħbuba minn Alla jew li kien jimmeritahom li jkunu maħbuba minn Alla, daqs Marija u Ġużeppi. U jmur ikompli jistqarr *San Ġużepp, għaldaqstant, jinsab il-ġenna bil-ġisem u bir-ruħ; dwar dan m'hemmx dubju.*[45]

San Bernard ta' Clairvaux, meqjum bħala Abbati, Konfessur u Duttur tal-Knisja, li għex bejn l-1090 u l-1174, fost affarijiet oħra żviluppa diskors interessanti ferm fejn huwa qabbel lil Ġużeppi tal-Antik Testment ma' San Ġużepp. Dan ix-xebh hu wieħed interessanti ferm u kont tkellimt dwaru f'artiklu ieħor bħal dan għall-pubblikazzjoni tal-Banda San Ġużepp ta' Ħal Kirkop għall-festa tas-sena 2012. Infakkar fil-qosor: it-tnejn kellhom missierhom Ġakobb; it-tnejn kienu ġejjin minn familji patrijarkali u rjali; it-tnejn soffrew u għarfu jissaportu din is-sofferenza; it-tnejn kellhom jaħarbu lejn l-Eġittu; it-tnejn kellhom rivelazzjonijiet fil-ħolm; it-tnejn kienu mexxejja ta' djar ta' Slaten, anke jekk f'sensi differenti; it-tnejn esperjenzjaw il-faqar; it-tnejn kienu responsabbli milli jitimgħu l-kotra; u fl-aħħar nett it-tnejn marru għandhom popli fi żmien ta' bżonn kbir.[46] Il-Knisja għażlet dan id-diskors u inkludiet bħala qari tat-tieni notturn fil-Brevjar Ruman għall-festa tad-19 ta' Marzu.[47] Ta' min jgħid ukoll li dan il-qaddis tana wkoll l-antifona li l-Knisja tħeġġeġ lis-saċerdoti biex jgħiduha qabel iqaddsu xi quddiesa.[48]

San Bonaventura, qaddis Franġiskan li għex bejn l-1218 u l-1274 kien ukoll profond ħafna fil-kitbiet tiegħu, tant li hu mifhum li qaddisin bħal San Ġwann tas-Salib u Santa Tereża t'Avila bbażaw l-istudji tagħhom fuq kitbietu. Iżda dan il-qaddis ma kienx biss magħruf għall-istudji u l-kitbiet tiegħu, iżda anke għall-orazija tiegħu. Jingħad li bi kliemu kien isaħħar lil kull min kien jisimgħu. Iżda għal dak li għandu x'jaqsam mal-qaddis tagħna nistgħu naffermaw bla tlaqliq ta' xejn li kien hu li ta x-xejra xjentifika lil dik il-branka tat-teoloġija li titratta l-istudju dwar San Ġużepp u li llum insejħu Josefoloġija.[49] Fost affarijiet oħra San Bonaventura jfaħħar lil San Ġużepp fl-istudji tiegħu tal-Vanġelu skont San Luqa u jara fih eżemplar mill-aktar perfett tad-devozzjoni lejn Ġesù u lejn Marija.[50] B'dan l-argument huwa ried ifisser li bil-kontra ta' dak li ħasbu l-għorrief tal-Knisja tal-bidu, San Ġużepp ma jtellifx mill-attenzjoni tagħna lejn Ġesù u Ommu Marija, anzi jgħinna biex inżiduha u niffukaw aktar.

San Ġwann Kriżostmu, li twieled madwar s-sena 347 u miet fl-407, kien Isqof ta' Antijokja u l-Knisja wkoll għażlitu bħala Duttur. Fl-istudji tiegħu tal-Vanġelu skont San Mattew jafferma li San Ġużepp

sa minn dak il-mument li laqa' għandu lil Marija bħala għarustu u eventwalment anke bħala martu, "sar ministru tal-ekonomija divina" fi kliem ieħor tal-misteru divin.[51] Dan il-qaddis, li t-tieni isem attribwit lilu fil-fatt mhuwiex kunjomu iżda huwa riferenza għall-elokwenza mdiehba li kien mogħni biha – kliemu kien jiswa d-deheb. Jidher li dan il-qaddis ukoll kien devot kbir ta' San Ġużepp daqskemm kien ta' Marija. Huwa jesprimi l-ammirazzjoni kbira tiegħu lejn San Ġużepp speċjalment fir-rigward tad-deċiżjoni li ħa fil-konfront ta' Marija li ħarġet tqila mhux bl-għarfien tiegħu. Il-Liġi Lhudija kienet tagħtih kull dritt li jakkużaha pubblikament, iżda hu fittex li jevitalha dan, imbagħad wara r-rivelazzjoni divina aċċetta wkoll li jitfa' fuqha l-velu taż-żwieġ tiegħu.[52]

San Ġużepp u Persunaġġi Bibbliċi

Pavaljun ġdid ieħor hu dak li ttella' fi Triq Salvu Sacco. Dan ukoll jagħmel parti minn sett ta' erbgħa li ġew iddisinjati minn Adonai Camilleri Cauchi u li għandhom pitturi ta' Mario Baldacchino. Fil-fatt dawn il-pitturi huma bustijiet ta' persunaġġi Bibbliċi midħla tal-Familja Mqaddsa. Fl-ewwel pavaljun fil-fatt qed jidhru San Ġwann il-Battista u x-Xwejjaħ Xmun tat-Tempju. Fuq wara ġew impittra simboli tagħhom.

San Ġwann il-Battista huwa qaddis kbir, il-prekursur ta' Sidna Ġesù Kristu, dak li ħejja t-triq tal-Mulej. Għal xi żmien kien meqjus b'aktar importanza minn San Ġużepp innifsu. Iżda l-Papa Piju XII kif għidna iktar 'il fuq stqarr li m'hemm ħadd eqreb ta' Ġesù u ta' Marija, minn San Ġużepp, għalhekk ismu hu meqjum fuq kull isem ta' qaddis ieħor, inkluż Ġwanni l-Battista.

Il-figura tax-Xwejjaħ Xmun tfakkar f'dak l-episodju li seħħ meta Marija u Ġużeppi marru jippreżentaw lil binhom Ġesù fit-tempju. L-istqarrija ta' Xmun fil-konfront ta' Marija dwar kemm kellha tbati fil-futur minħabba f'binha, tista' titqies bħala prova li San Ġużepp kellu jmut qabel ma' Ġesù beda l-missjoni pubblika tiegħu.

San Ġużepp u t-Tfulija ta' Ġesù

Il-missjoni ewlenija fdata f'idejn Ġużeppi ta' Nazzaret kienet dik li jrabbi, jgħallem, jindokra u jieħu ħsieb lil Ġesù filwaqt li minn tarbija jibda jsir tfajjel imbagħad ġuvnott u fl-aħħar nett raġel bid-drittijiet kollha li kienet tagħtih il-Liġi Lhudija. Is-sett ta' seba' pavaljuni li jintrama fi Triq San Pietru għandu bħala tema San Ġużepp u t-tfulija ta' Ġesù. Dan is-sett kien iddisinjat minn Manuel Grech u l-pitturi saru minn Andrew Bugeja.

Hija importanti ħafna din ir-rabta li naraw bejn San Ġużepp u t-tfulija ta' Ġesù, li nistgħu naqsmuha

Sett Pavaljuni ġodda li żżanżnu 5 snin ilu fi Triq San Pietru, bil-pitturi juru episodji mill-ħajja ta' San Ġużepp fit-tfulija tal-Bambin.

fi tliet fażijiet: għandek l-ewwel parti li titratta dak li seħħ qabel it-twelid ta' Ġesù; it-tieni parti titratta proprju t-twelid ta' Ġesù; filwaqt li t-tielet parti hija dik dwar x'ġara wara t-twelid ta' Ġesù. Fit-tliet każi San Ġużepp għandu rwol importanti ħafna.

Nibdew b'dak li seħħ qabel. Marija jkollha t-tħabbira divina mill-anġlu Gabriel u toħroġ tqila. Ġużeppi jinduna b'dan meta Marija tirritorna mingħand il-qariba tagħha Sant'Eliżabetta. Nistgħu nifhmu t-turbolenza t'emozzjonijiet li ħakmu lil dan ir-raġel ġust, li dejjem fittex li jagħmel is-sewwa f'ħajtu, hekk kif ġie kkonfrontat minn din is-sitwazzjoni. Minnufih naraw il-kobor tas-sens ta' ġustizzja li kellu dan il-qaddis, għax flok ma għażel li jsalva ismu u jxandar dnub martu, fittex il-ġid tagħha l-ewwel u qabel kollox, u ra kif seta' jeħlisha mill-gwaj li kien hemm merfugħ għaliha fi ħdan il-Liġi Lhudija. Alla l-imbierek apprezza dan il-ġest, u għażel li jkellmu fil-ħolm, biex ifissirlu l-pjan divin, u r-rwol li kien merfugħ għalih bħala r-raġel ta' Marija. Ġużepp qam u għamel eżatt kif kien imħabbar lilu. Ikkonċentra l-ħidma tiegħu biex iħejji kollox għall-wasla ta' din it-tarbija. Kuntrarji sab kemm trid. Biżżejjed insemmu ċ-ċensiment li ġegħelhom jitilqu l-kenn tad-dar ta' Nazzaret proprju meta Marija kienet waslet biex twelled lil Ġesù. L-istorja nafuha. Il-ħidma ta' Ġużeppi għalkemm irrakkuntata fi ftit kliem mill-Evanġelisti, tagħti xhieda tas-serjetà, ir-responsabbiltà u l-perseveranza li bihom daħal għal din il-biċċa xogħol dan il-mastrudaxxa sempliċi ta' Nazzaret.

L-istorja tat-twelid nafuha lkoll, għax nisimgħu r-rakkont tagħha ta' kull sena f'jum il-Milied. Mill-ġdid, Ġużeppi, għalkemm dejjem jokkupa l-ispazju fid-dell ta' din ix-xena mdawla, xorta waħda jispikka bil-bżulija tiegħu, bl-għaqal tiegħu, bid-dehen tiegħu f'sitwazzjoni li kieku konna aħna fiha, konna nħokku rasna mhux ħażin biex naraw x'se nagħmlu. Li tara li ibnek li għadu jitwieled ma jonqsu xejn, ġewwa għar tal-annimali, f'lejl kiesaħ tax-xitwa, 'il bogħod sewwa

mill-kenn tad-dar, mhijiex xi ħaġa faċli. Jiġini f'moħħi dak li qal il-Papa Ljun XIII fl-enċiklika tal-15 t'Awwissu 1889, *Quamquam Pluries*: *B'don speċjali mis-sema, Ġużeppi wera 'l Ġesù dik l-imħabba kollha naturali u dik il-ġibda ħerqana li qalb ta' missier biss taf kif tkun*.[53]

Ma' dawn iċ-ċirkostanzi rridu nżidu li Ġużeppi, f'moħħu, kien baqa' jberhen il-ħsieb ta' dak li qallu l-anġlu, li bin Marija kellu jkun l-Iben t'Alla magħmul bniedem. Allura issa naraw lil Ġużeppi, f'din it-tielet fażi, ta' wara t-twelid, jibda jifhem bil-mod il-mod, il-kobor ta' dik ir-rivelazzjoni, hekk kif jibdew jaslu l-viżitaturi... l-ewwel ir-rgħajja ta' Betlem, imbagħad is-Slaten Maġi, u magħhom it-thedida ta' Erodi. Il-ħarba lejn l-Eġittu hija wkoll frott ta' nebħa oħra divina li seħħet waqt il-ħolm, u li ntrabtet mar-rieda ta' Ġużeppi li jgħid 'iva' bla ma jistaqsi l-kif u l-għala. U qam u reġa' għamel eżatt kif qallu l-anġlu.

San Ġużepp mhux biss ipparteċipa f'dawn l-avvenimenti li waslu biex l-Iben t'Alla jkun magħmul bniedem, iżda huwa ngħaqad ma' dan l-Iben Divin fil-grazzja f'kull mument ta' din l-ewwel parti tal-ħajja tiegħu fuq din l-art. Isimgħu xi jmur jistqarr San Pietru Ġiljan Eymard (li għex bejn l-1811 u l-1868): *F'adorazzjoni profonda San Ġużepp, ingħaqad mal-grazzja speċjali li kien hemm fl-avvenimenti kollha tal-ħajja ta' Ġesù. Huwa adura l-Mulej filwaqt li kien għadu moħbi lid-dinja... huwa adura qabel kulħadd lil Kristu Ewkaristija fit-tabernaklu tiegħu. Ma kien hemm xejn li l-Mulej ħeba lil Ġużeppi. Wara l-Verġni Mbierka, San Ġużepp nistgħu nqisuh bħala l-ewwel u l-aktar adoratur perfett tal-Mulej*.[54]

San Ġużepp u s-Simboli Marbuta Miegħu

Fi Triq l-Imdina hemm żewġ pavaljuni b'disinn u pittura ta' Redrian Micallef li huma msebbħa b'ħafna anġli mdawrin ma' simboli Ġużeppini. Dan hu suġġett interessanti ħafna għax matul is-snin rajna żvilupp kbir fir-rigward ta' simboli u kuluri li ġew attribwiti lil qaddisin varji, u mhux anqas lil San Ġużepp tagħna. Sintendi s-simbolu l-aktar popolari marbut ma' San Ġużepp huwa l-ġilju, jew aħjar il-bastun bil-ġilju jiffjorixxi fin-naħa ta' fuq tiegħu. Ironikament dan is-simbolu ma jirreferix għal xi avveniment rrakkuntat fl-Iskrittura Mqaddsa, iżda għal rakkonti apokrifi li jorbtu l-għażla ta' Ġużeppi bħala r-raġel ta' Marija mal-miraklu tal-bastun tiegħu li ffjorixxa fil-preżenza tal-qassisin il-kbar. Dan insibuh rakkuntat fir-rakkont Armen tal-Infanzja ta' Kristu, fil-Ktieb tan-Natività ta' Marija u fl-Istorja ta' Ġużeppi l-mastrudaxxa.[55] Il-ġilju waħdu huwa wkoll simbolu tal-purità, il-verginità, is-safa' ta' dan il-qaddis. Il-bastun minnu nnifsu huwa wkoll simbolu tar-regalità tar-razza ta' David li minnha kien ġej Ġużeppi.[56] Dan matul is-snin żviluppa wkoll f'simbolu ieħor irjali, dak tax-xettru li ħafna drabi jidher ukoll flimkien mal-kuruna. Iżda l-kuruna fuq ras San Ġużepp ma ġietx biss interpretata f'termini rjali biss, imma per eżempju Gracian, jara fiha metafora tar-rigal li Ġesù ta lil Ġużeppi fis-sema b'turija ta' gratitudni għal-mod kif 'missieru' ħabbu b'fedeltà u b'konsistenza bħala gwardjan, protettur u missier tal-familja tiegħu fid-dinja.[57]

Minħabba li Ġużeppi kien mastrudaxxa, u anke għax il-Knisja, kif rajna aktar 'il fuq marret tagħżlu bħala patrun tal-ħaddiema, diversi għodod marbuta max-xogħol tal-mastrudaxxa jintużaw ukoll bħala simboli ta' dan il-qaddis. Hekk naraw is-serrieq, iċ-ċana, l-iskwerra u l-mannara. Ġieli jidher il-bank tax-xogħol sħiħ ukoll.[58]

Il-ħamiema, jew inkella par ħamiem, huma simboli Ġużeppini wkoll. Il-ħamiema waħidha torbot ma' rakkont ieħor apokrifa li jgħid li l-għażla ta' Ġużeppi bħala r-raġel ta' Marija seħħet mhux meta l-bastun tiegħu ffjorixxa imma meta ħamiema waqfet fuq dan il-bastun, jew saħansitra ħarġet minnu. Dan insibuh irrakkuntat fil-Protovanġelu ta' Ġakbu u fil-Vanġelu tal-Psewdo-Mattew.[59] Iż-żewġ ħamimiet, min-naħa l-oħra, ifakkru l-avveniment tal-preżentazzjoni tal-Mulej fit-tempju, u huma wkoll xhieda tal-faqar ta' Ġużeppi, billi s-sinjuri kienu joffru ħaruf f'dan l-istess avveniment.

Fi Triq San Ġużepp jintramaw pavaljuni bl-arma ta' San Ġużepp fiċ-ċentru. Dawn huma disinn ta' Joseph Cauchi, bi sfumar ta' Redrain Micallef filwaqt li maġenb il-Knisja Parrokkjali jintramaw tnejn oħra b'disinn u sfumar ta' Jeremy Cachia. Sintendi l-arma ta' San Ġużepp hija wkoll karatterizzata minn simboli Ġużeppini.

San Ġużepp u l-Avvenimenti Ewlenin fil-Ħajja Tiegħu

Fil-Pjazza tal-Knisja nsibu sett ta' sitt bandalori li kienu ddisinjati minn Jeremy Cachia u li jinkludu pitturi tal-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi. Dawn il-pitturi jirrappreżentaw l-aktar episodji importanti fil-ħajja ta' San Ġużepp: il-Ħolma, it-Tieġ, il-Milied, il-Ħarba, il-Mewt u l-Glorja.

Il-Ħolma

Il-ħolm huwa mezz divin ta' tnebbih u profeziji kif naraw f'diversi episodji fit-Testment il-Qadim. Dan il-ħolm kien meħtieġ li jkun interpretat, imfisser fi kliem u azzjonijiet li setgħu jifhmuhom il-bnedmin. Dan narawh ċar fl-istorja ta' Ġużeppi li safa mibjugħ minn ħutu frott l-għira tagħhom għall-imħabba li kellu għalih missieru. F'Ġużeppi tat-Testment il-Ġdid, il-ħolm jieħu rwol aktar dirett, u jintuża biex jitwassal messaġġ ċar u tond, li m'għandux bżonn

Il-Ħolma – L-ewwel pittura minn serje ta' disa' li pitter il-pittur magħruf il-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi għall-Festa tagħna.

ta' interpretazzjoni. Fl-ewwel ħolma tiegħu Ġużeppi jifhem li l-iben li qed iġġorr fi ħdanha Marija huwa frott il-ħidma tal-Ispirtu tal-Mulej. Fit-tieni ħolma jifhem il-periklu li kien fih dan l-istess Iben. U fit-tielet ħolma jifhem li dan il-periklu issa kien għadda. Fil-ħolm, kellem Alla lil Ġużeppi. Fil-ħolm, fehem lil Alla dan Ġużeppi. U Ġużeppi jqum mir-raqda-komunikattiva tiegħu m'Alla konvint li għandu jagħmel ir-rieda tiegħu. Kenitx soda l-fidi ta' dan il-bniedem, ta' dan il-patrijarka li hu fuq kull patrijarka, kbir kemm kien kbir fl-istorja tal-bniedem? Il-Papa preżenti jippreżentalna lil dan il-qaddis bħala *eżempju ħaj li jgħinna nifhmu li bis-sottomissjoni tagħna għar-rieda ta' Alla biss qatt nistgħu nkunu ħaddiema effettivi fis-servizz tal-pjan li permezz tiegħu jirnexxielna ninġabru bħala familja waħda, assemblea waħda, Knisja waħda.*[60]

It-Tieġ

X'inhi l-importanza ta' dan l-avveniment fil-ħajja ta' Ġużeppi? Il-pittur hawnhekk irid ifakkarna li Ġużeppi kien ir-raġel ta' Marija u mhux biss l-Għarus Kastissimu tagħha, kif tennejna u f'ċerti każi għadna ntennu fit-talb liturġiku tagħna. Ġużeppi kien miżżewweġ lil Marija skont ir-rit Lhudi u kien ir-raġel tagħha f'kull sens. Il-fatt li kemm hu u kemm Marija kellhom il-vot tal-kastità, li għamluh b'għażla libera, f'rabta intima li kellhom diġà mal-ħallieq ma jtellef bl-ebda mod mill-valur, mill-validità, mil-legalità ta' dan iż-żwieġ. Dwar dan tkellem ħafna, fit-tul u fil-profond, il-kbir qaddis Santu Wistin. Fil-fatt Santu Wistin argumenta sew kontra Ġuljanu u l-ereżija Pelaġjana li kienet iżżomm iż-żwieġ ta' Ġużeppi u Marija bħal wieħed mhux minnu.[61] Mhux talli kien minnu, talli kien żwieġ mill-aktar qaddis. L-ewwel nett jargumenta li ż-żwieġ tagħhom kien "veru u komplet"[62] għax kien validu legalment u ma kien jonqsu xejn bħala sagrament. Fiż-żwieġ tal-ġenituri ta' Ġesù, Santu Wistin jara *t-tajjeb kollu taż-żwieġ kien realizzat – wild, fedeltà, sagrament*, u jispjega li l-wild kien realizzat f'Ġesù nnifsu, il-fedeltà fl-assenza tal-adulterju, u s-sagrament fl-assenza tad-divorzju.[63]

Il-Milied

Diġà sħaqna fuq l-importanza ta' dan l-avveniment, fejn il-protagonisti huma tlieta f'sensi differenti. Sintendi l-protagonista per eċċellenza jibqa' dejjem Sidna Ġesù Kristu li sar bniedem għalina fil-faqar u l-ksieħ tal-għar ta' Betlem. Protagonista f'sens ieħor hija Marija għax hija l-parteċipanta ewlenija fil-Misteru tal-Inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla. Bħal din il-mara la qatt kien hemm u lanqas qatt għad ikun hemm. Iżda, Ġużeppi huwa wkoll protagonist. Huwa l-protagonista fid-dell tal-istorja, dak li permezz tiegħu seħħ il-pjan t'Alla, proprju fejn kellu jseħħ, fil-ħin li kellu jseħħ u bil-mod li kellu jseħħ. Id-deċizjonijiet imnebbħa ta' dan il-mastrudaxxa ta' Nazzaret wasslu biex il-pjan t'Alla jiżviluppa bil-mod kif kien ippjanat sa mill-eternità. Mhux ta' b'xejn il-Knisja marret tagħżlu bħala patrun u protettur tagħha. Fi kliem il-papa Pawlu VI, *Hu, li lilu kienet fdata l-kura u l-protezzjoni tal-fraġilità tat-tfulija umana t'Alla l-Imbierek, ikompli mis-sema din il-ħidma ta' protezzjoni u permezz tagħha jiggwida u jiddefendi l-Ġisem Mistiku ta' Kristu nnifsu (li hi l-Knisja) li hi dejjem dgħajfa, dejjem miftuħa għall-attakki, u dejjem fi stat ta' periklu.*[64]

Il-Ħarba

Dwar dan l-avveniment tkellimna diġà aktar 'il fuq, iżda hawn nerġgħu nagħrfu l-importanza tiegħu fid-dawl tal-ħeġġa kbira li kellu Ġużeppi biex jieħu kura tajba tal-akbar żewġ teżori ta' Alla l-Imbierek li ġew fdati lilu. Anke jekk il-vjaġġ lejn l-Eġittu kien wieħed twil u skabbruż, huwa ma qatax qalbu. La darba din kienet ir-rieda t'Alla l-Missier, huwa daħal għal din il-biċċa xogħol b'ruħu u b'ġismu. Is-sena l-oħra fakkarna s-"Sena tal-Fidi". Aħna, in-nies tad-dinja tal-lum li nħobbu nistaqsu kollox, niddubitaw minn kollox, u nippruvaw nieħdu raġun għalkollox, forsi ma tantx hu faċli għalina li nifhmu l-kobor ta'

dan il-qaddis li tkellem ftit li xejn, iżda għamel ħafna.

Il-Mewt

X'nafu fuq il-mewt ta' San Ġużepp? L-istudjuża Bourassa Perrotta tistqarr *Joseph is as hidden in death as he was in life*.[65] Tabilħaqq biex insibu ftit ħjiel dwar x'seta' seħħ fi żmien meta San Ġużepp kien qed imut jeħtiġilna nikkonsultaw mill-ġdid il-kitbiet apokrifi. Iżda ma jeħtiġilniex li nidħlu f'dawn id-dettalji biex nimmaġinaw li biswitu, fl-aħħar mumenti qaddisa tiegħu, kien hemm l-għażiża martu Marija u l-għażiż ibnu Ġesù. Mhux ta' b'xejn Filas imur jistqarr *Ebda raġel jew mara qatt kellhom dan il-privileġġ li jmutu akkumpanjati minn Ġesù u minn Marija... Ebda xena oħra tal-mewt ma qatt kellha jattenduha xhieda li setgħu joffru daqstant konsolazzjoni*.[66] Għaldaqstant nifhmu wkoll l-affermazzjoni tal-Papa Benedittu XV li tmur lura sas-sena 1920: Ġustament huwa miżmum bħala l-protettur mill-aktar effikaċi ta' dawk li qed imutu.[67] Din id-devozzjoni kompliet tikber u għaddiet sħiħa u qawwija sal-lum. Tiġina f'moħħna wkoll il-leġġenda ħelwa tas-Sellum ta' San Ġużepp li kien tana l-poeta Malti Patri Ġuże Delia.[68]

Il-Glorja

Meta tkellimna dwar San Franġisk ta' Sales aktar kmieni, diġà tajna indikazzjoni tal-istima li ħafna qaddisin kbar wrew fil-konfront ta' San Ġużepp, u tal-post għoli li jattribwixxu lilu fil-glorja tas-smewwiet. San Franġisk ta' Sales jistqarr bla ebda dubju li anke Ġużeppi kien imtella' s-sema bir-ruħ u l-ġisem. Il-magħruf Josefologu Jean Charlier de Gerson ukoll tkellem dwar dan u fl-argumenti li jippreżenta jaqbel ukoll ma' qaddis ieħor kbir, San Bernardin ta' Siena. Konferma divina ta' dan il-misteru (li s'issa għad mhux rikonoxxut bħala domma mill-Knisja) dehret waqt prietka li kien qed jagħmel San Bernardin li fiha kien qed jesprimi l-imħabba kbira li kellu lejn Ġesù u per konsegwenza anke lejn ommu Marija u missieru San Ġużepp. Fil-fatt waqt li kien qed ifisser lill-miġemgħa l-ħsibijiet tiegħu dwar it-tlugħ glorjuż ta' Ġużeppi fis-sema bir-ruħ u l-ġisem, jingħad li deher jiddi fuq rasu, salib tad-deheb.[69] Gerson imbagħad, ikompli jfisser is-sens li jagħmel dan it-twemmin meta jistqarr *b'hekk il-Familja Mqaddsa terġa' tingħaqad kemm fir-ruħ kif ukoll fil-ġisem f'għaqda ta' mħabba bħal dik li żammithom magħqudin meta kienu fid-dinja*.[70] F'dan id-dawl San Ġużepp jaqsam il-glorja tiegħu kif inhu xieraq mal-komponenti l-oħra tal-Familja Mqaddsa, u hawn nerġgħu lura għad-diskors dwar l-Unjoni Ipostatika li alludejna għaliha aktar kmieni f'dan l-istess artiklu. Gerson jitkellem f'aktar dettall dwar il-pożizzjoni ta' San Ġużepp fis-sema u jistqarr li hu jemmen li wara Marija, Ġużeppi hu l-eqreb ta' Ġesù fil-ġenna. Iżda din mhijiex biss pożizzjoni ta' glorja u rispett, iżda aktar minn hekk hija wkoll pożizzjoni ta' interċessjoni ferm qawwija u f'dan is-sens l-istess josefologu joħroġ bil-famuża stqarrija *Non Impetrat se imperat*, jiġifieri Mhux jitlob, iżda jikkmanda.[71]

Aktar viżiva minn hekk hemm Santa Ġertrude l-Kbira (1256-1302) li jingħad li kellha viżjonijiet ta' San Ġużepp fil-ġenna. Waħda mid-deskrizzjonijiet tagħha jgħidu hekk: *Rajt il-bieb tal-Ġenna jinfetaħ u rajt lil San Ġużepp bilqiegħda fuq tron maestuż. Imbagħad ħassejtni nemozzjona ruħi ħafna hekk kif intbaħt li kull darba li jissemma isem San Ġużepp, il-qaddisin kollha kienu jagħmlu inkin profond quddiemu, filwaqt li bid-dehra serena u ħelwa ta' ħarsithom wrew li kienu ferħana bih u bil-mod dinjituż li kien eżaltat*.[72]

Diversi żgħażagħ Ġużeppini jagħtu sehemhom fix-xogħol li talbu l-pilandri tal-Balla u ta' Triq il-Kbira fis-snin sebgħin.

San Ġużepp u Qaddisin marbuta mar-Raħal

Fi Triq Mons. Mikiel Barbara hemm ippjanati żewġ pavaljuni li għandhom disinn ta' Joseph Cauchi. L-imsemmi proġett jinkludi erba' pitturi tal-Kavallier Pawlu Camilleri Cauchi li minnhom is-sena l-oħra żżanżnet l-ewwel waħda. Din turi lil San Ġużepp mal-Qaddisin li b'xi mod jew ieħor għandhom konnessjoni mar-raħal: San Nikola, San Benedittu, Santu Rokku u l-Arkanġlu Gabrijel.

San Nikola huwa l-qaddis li lilu hija ddedikata l-kappella taċ-ċimiterju li hawn f'Ħal Kirkop. Iċ-ċimiterju li għandna r-raħal imur lura sal-bidu tas-seklu għoxrin. Imdawwar bl-ħelieqi fuq kull naħa llum spiċċa fin-nofs bħala roundabout. Azzopardi (2012)[73] jistqarr li kien hemm saħansitra ċimiterju eqdem iddedikat lil dan il-qaddis, qabel dak eżistenti llum. Dan l-ewwel ċimiterju kien intuża għad-dfin tal-vittmi tal-pesta, għaldaqstant l-oqbra ta' ġo fih qatt ma setgħu jerġgħu jintużaw. Iktar 'il quddiem insibu li reġa' ntuża biex indifnu dawk li mietu b'mard oħra qerrieda, il-kolera. Iċ-ċimiterju li għadu wieqaf illum issemma' għal dan iċ-ċimiterju bikri. Fi żmien

il-parrokkat ta' Dun Ġużepp Inguanez twaqqgħet il-kappella l-qadima li kien hemm u nbniet oħra ġdida. Id-disinn u l-pjanta tagħha saru minn Salvatore Sammut, mastru skultur u disinjatur minn Ħal Luqa. Ix-xogħol kien interrott fi żmien il-gwerra mbagħad tkompla bit-tħabrik tal-kappillan ta' wara, Dun Mikiel Spiteri. Eventwalment il-kappella kienet inawgurata fl-4 ta' Lulju 1948, u ftit xhur wara l-istess kappella għamel rikors il-Kurja biex isir inkwatru tal-qaddis San Nikola, minn Touissant Busuttil.[74]

Santu Rokku kien qaddis li ġibed devozzjoni kbira lejh, anke hawn f'Ħal Kirkop, minħabba fil-pesta, li ma ħaffritha lil ħadd, anqas lill-Koppin. Kif semmejna aktar 'il fuq saħansitra kien hemm ċimiterju ieħor, qabel dak tal-lum li kien intuża apposta biex indifnu fih il-vittmi ta' din il-marda qerrieda.

L-Arkanġlu Gabrijel huwa dak li ħabbar lil Marija li kienet se ssir Omm Alla, u hawn ir-raħal għandna kappella ddedikata lill-Annunzjata. Din tinsab f'Misraħ Kirkop. Kif tiddeskriviha Theuma (2011) din għandha *forma rettangulari, b'ħitan lixxi u sempliċi imma massivi u ppavimentata b'ċangatura tal-franka. Imsaqqfa b'sistema ta' arkati nofs tond... arkati (li huma) maqtugħin mill-ħitan bi gwarniċi bl-arkitrav ħerġin 'il barra, li juru li l-Knisja nbniet f'nofs is-seklu sbatax.*[75]

Il-Korp sant venerat fil-knisja parrokkjali tagħna huwa ta' qaddis bl-isem **San Benedettu Martri**. Dan il-korp sant wasal minn Ruma f'din il-parroċċa fl-1790, u kien rigal lill-parroċċa mingħand il-Papa Piju VI. Ħabrek għalih il-Kjeriku Ġużeppi Mallia Callus, filwaqt li l-ispiża biex inġieb Malta tħallset mis-saċerdot Koppi Dun Mikiel Zammit Ellul. L-għadam miġjub minn Ruma kien awtentikat mill-Isqof ta' dak iż-żmien Mons. Labini, filwaqt li bil-permess tiegħu ukoll dan l-għadam ingħaqad f'forma ta' korp mis-Saċerdot Bormliż Dun Salv La Corte Pajas. Il-korp lest kien ittieħed fil-kappella ta' San Nikola għal xahrejn imbagħad saret it-tranżlazzjoni tiegħu għall-knisja parrokkjali nhar l-24 ta' Lulju tal-istess sena.[76]

Pittura oħra se turi lil San Ġużepp jiġi mgħarraf bil-passjoni ta' Ġesù. Diversi statwi u pitturi ta' San Ġużepp iġibu l-Bambin f'idejh jew biswitu li qed iżomm salib żgħir jew kbir, li jfakkar il-passjoni li minnha kellu jgħaddi Ġesù. Aktar kmieni tkellimna dwar it-tħabbira tax-xwejjaħ Xmun li seħħet fit-tempju li b'xi mod indikat li Ġużeppi ma kellux ikun preżenti għall-ħajja pubblika ta' ibnu Ġesù u wisq inqas għall-passjoni u l-mewt tiegħu. Bil-miktub m'għandna xejn dwar dan, iżda studjużi kbar jidher li jaqblu dwar il-fatt li San Ġużepp ma kienx għadu ħaj meta ngħata l-mewt Ġesù. Min-naħa l-oħra daqstant studjużi huma konvinti li l-missier legali ta' Ġesù kien ukoll kustodju tar-Redentur, kif mar isejjaħlu l-mibki Papa Beatu Ġwanni Pawlu II, u dan jimplika li l-qaddis tagħna kien imnebbah divinament b'dak li kellu jgħaddi minnu l-iben t'Alla fdat f'idejh. U proprju għax il-Pjan t'Alla huwa perfett, nifhmu li Ġużeppi kellu jtemm ħajtu qabel Ġesù, hekk kif temm il-missjoni mogħtija lilu mill-Missier Etern: dik li jrabbi lill-Iben t'Alla f'familja normali, skont il-Liġi Lhudija, biex il-Misteru tal-Inkarnazzjoni jkun mgħotti b'velu sakemm jasal il-mument li jkun rivelat lill-poplu t'Alla. Barra minn hekk wieħed jifhem ukoll li l-pjan t'Alla ppermetta li Ġużeppi, il-missier li tant ħabb lil Ġesù, ma jkunx preżenti għall-passjoni tiegħu biex ma jagħmel xejn li jfixkel lil Ġesù milli jasal sal-aħħar fuq l-għolja tal-Kalvarju.[77]

Iż-żewġ pitturi l-oħra se juru lil San Ġużepp mal-qaddisin verġni u mal-qaddisin martri. Huwa iktar faċli għalina li nassoċċjaw lil San Ġużepp mal-grupp tal-qaddisin verġni milli ma' dak tal-qaddisin martri. Dan għaliex il-qaddis tagħna huwa sinonimu biex ngħidu hekk mal-verġinità, mal-vot tal-kastità mwiegħed lill-Alla anke fl-ambitù ta' żwieġ veru u reali, mal-purità fl-aqwa tagħha, mas-safa' mfissra simbolikament fil-ġilju li jżomm fuq il-bastun tiegħu l-istess qaddis. Qaddisin għorrief kbar emmnu u affermaw it-twemmin dwar il-verġinità ta' San Ġużepp f'kuntrast mal-kotba apokrifi li jġibuh bħala armel li fl-ewwel żwieġ kellu xi tfal. Dan ma jaqblux miegħu bil-qawwa kollha San Ġirolamu, San Teodoru ta' Mopsuwestja, Santu Wistin, San Beda, San Rupert, San Pjer Damjani, San Pietru Lombardi, San Albert il-Kbir u San Tumas.[78] Tabilħaqq il-verġinità ta' San Ġużepp mhijiex domma tal-fidi, iżda tajjeb infakkru li l-Papa Ljun XIII jirreferi għal Ġużeppi bħal difensur tal-integrità verġinali, filwaqt li papa ieħor qaddis, San Piju X ta indulġenza lil min jgħid talba li fiha dan il-qaddis jissejjaħ bħala verġni (fl-1906).[79]

Inqas faċli nassoċċjawh mal-qaddisin martri. Tal-anqas fis-superfiċjalità ta' ħsibijietna l-bnedmin, hekk jidher. Iżda l-martri x'inhuma jekk mhux xhieda ta' Kristu, bħala l-Iben ewlieni t'Alla. Ix-xhieda tagħhom esprimewha bit-tixrid ta' demmhom, skont iċ-ċirkostanzi ta' żminijiethom. Iżda mhux il-qaddisin kollha huma martri għalkemm kollha huma xhieda. Ġużeppi wkoll, martri fis-sens li xerred demmu, ma kienx, iżda martri fis-sens li kien xhud ta' Kristu, altru li kien. Mhux talli hekk talli ngħidu bla tlaqliq li wara Marija, kien l-ewwel xhud ta' Kristu. Huwa ra l-Iben t'Alla jsir bniedem, quddiem għajnejh. Huwa ra r-rgħajja ta' Betlem jagħtuh l-ewwel tislima, quddiem għajnejh. Huwa ra l-adorazzjoni tal-Maġi, quddiem għajnejh. Huwa ra l-iben t'Alla magħmul bniedem jikber fil-ġisem, fid-dehen u fil-grazzja, u dan kollu b'għajnejh stess. Huwa ra b'għajnejh dak li aħna lkoll li nemmnu f'Ġesù Kristu tant xtaqna li

rajna kieku kellna ċ-ċans. Il-Papa Piju IX qal hekk fid-digriet *Quemadmodu Deus* tat-8 ta' Diċembru 1870 li biħ San Ġużepp kien iddikjarat Patrun tal-Knisja Universali: *Lilu li għadd bla qies ta' rejiet u profeti tant xtaqu jaraw, Ġużeppi mhux biss rah iżda tkellem miegħu, u għannqu miegħu bħala missier, u biesu. Bl-akbar kura huwa rabbieh... u minħabba f'din id-dinjità sublimi li Alla nnifsu żejjen biha lil dan il-qaddej fidil tiegħu, il-Knisja sa minn dejjem onoratu u faħħritu bl-ogħla mod possibbli...*[80]

San Ġużepp u Devoti Qaddisin Maltin

Kien ħsieb nobbli dak li għal Triq Dun Karlu Taliana ġew imfassla erba' bandalori b'disinn ta' Silvio Pace li juru pitturi tal-Kav. Adonai Camilleri Cauchi li jirraffiguraw devoti qaddisin Maltin ta' San Ġużepp. Bir-raġun kollu ntgħażlu San Ġorġ Preca, il-Beatu Nazju Falzon, Madre Marija Tereza Nuzzo u Francesca Teresa Parlar.

Fl-1997, l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat kienet ospitat is-*VII Simposium Internazzjonali dwar San Ġużepp* u f'din l-okkażjoni kienet organizzat wirja b'tema Ġużeppina u anke ppubblikat katalgu li kien jinkludi wkoll tagħrif dwar tmien persunaġġi Maltin distinti li kienu magħrufa għad-devozzjoni tagħhom lejn San Ġużepp.[81] L-imsemmija pubblikazzjoni ssemmi tmien persunaġġi li minnhom tlieta jidhru fl-imsemmija bandalori. B'ordni kronoloġika l-ewwel jidher il-Beatu (dak iż-żmien kien għadu Venerabbli) Nazju Falzon (1813-1865). Jingħad li huwa kien devot kbir ta' San Ġużepp u ta' spiss kien imur jitlob quddiem l-istatwa sabiħa ta' dan il-qaddis li hija vvenerata fil-Bażilika Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt. Ir-Rabat ukoll kien iżur l-istatwa ta' San Ġużepp ix-Xiħ. Meta ġiet biex tinbena l-knisja l-ġdida tal-Imsida ddedikata lil San Ġużepp ħareġ somom kbar ta' flus, u dan għamlu permezz ta' ħuh Dun Franġisk. Meta kien qed imut ħuh Kalċidon jixhed li Nazju kellu f'idejh inkwatru ta' San Ġużepp. Dan illum għadu kkonservat mal-oġġetti privati ta' dan il-Beatu.

It-tieni waħda kronoloġikament hija l-Beata Madre Maria Tereża Nuzzo (1851-1923), il-Fundatriċi tal-Kongregazzjoni Ulied il-Qalb ta' Ġesù. Meta daħħlet flimkien mas-sħaba l-Maestre Pie fl-Istitut Nuzzo, hija għażlet lil San Ġużepp biex ikun il-qaddis patrun u l-missier li jħarishom. Il-ftuħ uffiċjali tad-dar sar fl-1 ta' Mejju 1903. Il-post tgħammar ukoll bi gwarniċ sabiħ li kellu l-immaġini ta' dan il-qaddis. Mietet fis-17 t'April 1923 u l-għada sar il-funeral fil-Ħamrun fejn kienet qed tiġi ċċelebrata l-festa tal-Patronċinju ta' San Ġużepp.[82]

L-ewwel qaddis Malti, San Ġorġ Preca (1880-1962) wkoll kien magħruf għad-devozzjoni tiegħu lejn dan il-qaddis. Fil-fatt biex ixerred din id-devozzjoni tiegħu huwa ħareġ tnax-il ktieb dwar dan il-qaddis, biex dawn jinqraw wieħed kull xahar matul is-sena. Dun Ġorġ kien iħeġġeġ lis-soċi biex jitolbu lil dan il-qaddis, u l-għan oriġinali ta' dawn il-pubblikazzjonijiet kien filfatt li jgħinhom jimmeditaw fuqu u jitolbuh.[83] Farrugia (2012) jgħidilna li l-ewwel minn dawn il-kotba kien jismu *San Ġużepp – Qari għax-xahar ta' Marzu*.[84] Il-ktieb jinkludi 31 riflessjoni, waħda għal kull ġurnata mix-xahar ta' Marzu, li jagħlqu dejjem b'talba lill-qaddis u innu qasir *Salve Sancte Joseph*. Il-ktieb għandu wkoll żieda jew appendiċi li fih hemm kitbiet qosra tal-istess saċerdot qaddis b'tagħrif varju dwar San Ġużepp, id-devozzjoni lejh, il-festi li jsiru f'ġieħu u l-qima li tixraqlu.

Francesca Tereża Parlar twieldet il-Belt Valletta fl-1842. Fuq it-tfulija tagħha ftit nafu. Iżda l-konfessur tagħha P. Nerik Vella OP jirrakkonta bosta avvenimenti li jindikaw il-ħajja qaddisa li għażlet li tgħix din ix-xebba sa minn ċkunita.[85] Dan il-konfesur u oħrajn li kellha warajha jirrakkontaw esperjenzi ta' estasi li għaddiet minnhom din ix-xebba fejn hu mifhum li kellha dehriet mil-Madonna u anke minn San Ġużepp. Meta kienet tikellem dwar San Ġużepp fid-dehriet tagħha kienet tħobb tirreferi għalih bħala "in-nannu". Saħansitra l-Papa Ljun XIII kien jaf b'din id-devozzjoni tagħha lejn San Ġużepp, tant li f'santa li hu bagħatilha fuq wara kitbilha hekk: *kompli bid-devozzjoni tiegħek lejn San Ġużepp waqt li tkun imħaddna ma' Ġesù u ħaddnu bil-qalb. Busu għall-ħames darbiet għall-bżonnijiet tiegħi għax inħossni batut ħafna*.[86] Id-devozzjoni tagħha interpretatha fl-eżempju li hija ħadet minnu, fejn fittxet dejjem li tgħix il-fidi kbira tagħha fis-silenzju, proprju bħal San Ġużepp.

San Ġużepp u Dutturi Predikaturi Devoti Tiegħu

F'Misraħ Ħal Kirkop qed jintrama sett ta' tmien bandalori l-ġmiel tagħhom li ġew iddisinjati minn Joseph Cauchi u li għandhom pitturi kbar u sbieħ tal-artist Għawdxi Manuel Farrugia. Dawn juru tmien persunaġġi ewlenin li kienu Dutturi u/jew Predikaturi devoti ta' San Ġużepp: Origen, Santu Wistin, San Tumas d'Aquino, Jean Gerson , San Bernardin ta' Siena, Isidoro Isolani, Francisco Suarez, u San Franġisk de Sales.

Sa appena mitt sena wara l-mewt ta' Kristu ġà kien feġġ studjuż li tefa' ħarstu fuq il-figura ta' San Ġużepp u fuq ir-rwol assenjat lilu fil-Pjan Divin sa mill-eternità. Dan kien ***Origen***, studjuż Egizzjan li jingħad li għex bejn is-snin 185 u 254wK. Ħafna mill-kitba tiegħu kienet ispirata, ibbażata jew inkella kienet tirreferi għall-Bibbja, li hu kien iqisha bħala

wirt imprezzabbli li d-Divinità tat lill-Bniedem. F'dan id-dawl San Ġużepp ma jibqax biss figura fiddell tal-grotta ta' Betlem iżda jsir persunaġġ bi rwol speċifiku u b'funzjoni importanti li taqdi għan ħafna ikbar milli qatt ħadd ħaseb. Il-Papa Ġwanni Pawlu II jikkwotah meta jgħid li San Ġużepp kien l-*ġħassies tat-twelid tal-Mulej*.[87] L-imsemmi Papa mbagħad jerġa' jirreferi għal dan l-istudjuż bikri meta jitkellem dwar iċ-ċensiment li sar fi żmien it-twelid ta' Ġesù. San Ġużepp, jagħmel il-vjaġġ lejn Betlem b'Marija tistenna tarbija proprju biex jobdi l-Liġi, u b'dan l-att huwa jwettaq biċċa xogħol ferm sinjifikanti meta jdaħħal isem Ġesù, bin Ġużeppi ta' Nazzaret (ara Ġwanni 1: 45) fir-reġistru tal-Imperu Ruman. Oriġen fil-fatt *jagħtina deskrizzjoni tajba tas-sinjifikat teoloġiku u ta' ċertu importanza li għandu dan il-fatt storiku*.[88] Fi kliem ieħor Oriġen jgħidilna li bis-saħħa ta' Ġużeppi għandna xhieda bil-miktub tal-Iben t'Alla magħmul bniedem.[89]

Santu Wistin ta' Hippo, wieħed mill-kbar nett tal-Knisja, ukoll ta kontribut importanti fl-istudji Josefoloġiċi. Diġà rajna aktar kmieni kif iddeskriva, fisser u ddefenda ż-żwieġ ta' Ġużeppi ma' Marija. Daqskemm insista fuq il-validità legali u sagramentali ta' dan iż-żwieġ qaddis, daqstant ieħor għamel Santu Wistin fir-rigward tal-paternità ta' San Ġużepp, anzi bla tlaqliq ngħidu li tagħha kien difensur kbir. Biżżejjed nikkwotaw din is-silta: *Mhux veru li minħabba li Ġużeppi ma kellux x'jaqsam fil-ġisem (carnally known) ma' Omm il-Mulej, hu għal daqshekk, ma kienx missier, bħallikieku hi l-ġibda tal-ġisem li tagħmel lil mara l-mara ta' xi raġel u mhux tabilħaqq l-imħabba taż-żwieġ*.[90] Għal Santu Wistin Ġużeppi jiżboqq kull bżonn li jkollu xi rabta naturali mal-Iben tiegħu biex ikun jista' jissejjaħ missieru, għax għandu rabta li hi akbar minn din, rabta spiritwali. Santu Wistin forsi huwa wieħed mill-akbar ammiraturi tal-fidi ta' San Ġużepp, tant li jmur iqabbilha ma' dik ta' Marija, li dwarha Eliżabetta marret tistqarr *inti kbira għax emmint* (Luqa 1, 45).[91]

Qaddis kbir ieħor, li bħal ta' qablu l-Knisja għażlitu bħala Duttur, huwa San Tumas t'Aquino. Dan ukoll huwa minn ta' quddiem fost dawk li tkellmu, kitbu, irriflettew, immeditaw, faħħru u talbu lil San Ġużepp. Flimkien ma' San Bonaventura u San Bernardin ta' Siena nistgħu ngħidu li ta bixra xjentifika lill-Josefoloġija. Bħal Santu Wistin tkellem ħafna miżżwieġ qaddis ta' Ġużeppi u Marija. Huwa jgħallimna li dawn it-tnejn ħadu żewġ voti ta' verġinità: l-ewwel wieħed kien vot sempliċi li ħaduh fuq bażi personali fil-konfront tar-relazzjoni tagħhom ma' Alla, u dan ħaduh separatament, ħafna qabel saru jafu lil xulxin; it-tieni wieħed kien assolut, perpetwu u bla limitazzjonijiet, u ħaduh hekk kif iżżewġu.[92] Iżda minbarra f'dan, San Tumas jattribwixxi merti oħra lill-qaddis tagħna fir-rigward tar-rwol importantissimu ta' San Ġużepp fil-Misteru tal-Inkarnazzjoni. Bis-saħħa ta' Ġużeppi: Ġesù seta' jitwieled f'ċirkostanzi aċċettati mill-kultura ta' pajjiżu, ta' żmienu; Ġesù ngħata fil-ġenealoġiku bħalma għandu kull bniedem imwieled fl-istorja taddinja; il-Misteru tal-Inkarnazzjoni seta' jinħeba liddinja u lix-xitan sakemm jasal il-mument proprizju li jkun rivelat; l-unur ta' Marija kien imħares, u fl-istess ħin hija kienet salvata mil-Liġi Lhudija ta' dak iż-żmien; u fl-aħħar nett kemm Marija u kemm binha Ġesù kellhom bżonn min imantnihom, iwennishom, u jikkunslahom fil-mumenti diffiċli, u Ġużeppi qatt ma waqaf jagħmel dan.[93]

Ma tistax tirreferi għall-istudji Josefoloġiċi u tħalli barra persunaġġ kbir bħal ***Jean Charlier de Gerson*** (1363-1429), teologu prominenti li għamel ħoss fil-Konċilju ta' Kostanza fl-1416. Jkun hu li għallewwel darba jmur jipproponi lill-Knisja biex tagħżel lil San Ġużepp bħala l-patrun tagħha. Preżenti f'dan il-Konċilju kien hemm *il-Legati tal-Papa li kienu aktar minn* għoxrin *kardinal, mitejn isqof u numru ta' dutturi*.[94] Fid-diskors li huwa għamel dakinhar Gerson qajjem diskussjoni dwar: li San Ġużepp kien imqaddes f'ġuf ommu, għalkemm mhux fil-konċepiment bħal Marija, imma xorta waħda qabel it-twelid tiegħu; li San Ġużepp kien verġni perpetwu għax hekk kien jixraq lil Marija; li San Ġużepp kien jeżerċita fuq Marija u fuq Ġesù forma ta' awtorità skont kif kienet titlob il-Liġi ta' dak iż-żmien; li San Ġużepp kien imtella' s-sema bir-ruħ u l-ġisem; u fl-aħħar nett li wara Marija, San Ġużepp għandu postu fuq il-qaddisin kollha tas-sema.[95]

San Bernardin ta' Siena (1380-1444) meqjus bħala "l-glorja tal-Ordni Serafiku" kien ukoll devot kbir ta' San Ġużepp. Fil-kapaċità predikali tiegħu – ġie li kien hemm sa 30,000 ruħ jisimgħuh – huwa jfisser bl-aktar mod ħelu u profond ix-xebh bejn il-qaddis tagħna u l-persunaġġ bl-istess isem li nsibu fit-Testment il-Qadim. Huwa jistqarr li filwaqt li Ġużeppi tat-Testment il-Qadim ipprovda l-ħobż li jsostni l-ħajja naturali, lill-poplu Eġizzjan fi żmien il-karestija; San Ġużepp ħa ħsieb *il-ħobż li jagħti l-ħajja ta' dejjem', jiġifieri lil Ġesù, li permezz tiegħu nakkwistaw il-ħajja ta' dejjem*.[96] Dan il-punt fil-fatt inkludih il-Papa Piju IX fid-digriet li bih kien iddikjara lil San Ġużepp bħala Patrun tal-Knisja Universali.[97] San Bernardin jara f'San Ġużepp il-figura ta' arċipatrijarka li jagħlaq il-bieb tal-Liġi l-qadima ta' Mosè u jiftaħ il-bieb tal-Liġi l-Ġdida.[98] Ħareġ ukoll hu bl-espressjoni li tiddeskrivi lil San Ġużepp bħala l-Gwardjan fidil tal-aqwa żewġ teżori ta' Alla.[99] San Bernardin kien devot kbir ukoll ta' Marija, u ma ried qatt inaqqsilha mill-merti li diġà kienu attribwiti lilha matul is-snin. L-argument

tiegħu iżda kien li l-grazzji li kienet mimlija bihom l-Verġni Imbierka, fil-mument li hija aċċettat li tieħu lil Ġużeppi bħala żewġha, qasmithom miegħu meta fetħet qalbha kollha kemm hi għalih.[100] *San Bernardin ta' Siena, meta jiġi biex jitkellem dwar il-Qlub ta' Marija u ta' Ġużeppi, jgħid li Marija xerrdet kollu kemm hu t-teżor ta' qalbha fil-qalb ta' Ġużeppi. Dan ifisser li dawn iż-żewġt iqlub, mhux biss huma xebh ta' xulxin imma uniti flimkien, ħaġa waħda fil-virtù.*[101] Mhux ta' b'xejn mela li lil Marija u lil Ġużeppi dan il-qaddis imur ixebbaħhom ma' żewġ perli.[102]

Isidoro Isolani huwa Dumnikan tas-seklu XVI li ħallielna b'wirt l-opra letterarja tiegħu *Summa de Donis Sancti Joseph*. Fost affarijiet oħra huwa jitkellem mill-għażla divina tal-istess isem li ngħata lil Ġużeppi. Dan il-kunċett insibuh ħafna fil-kotba tal-Iskrittura Mqaddsa u Isolani jippreżenta raġunijiet validi ħafna f'dan ir-rigward.[103] Fil-kapitlu 9 tal-istess *Summa* l-awtur jinsisti fuq il-qdusija ta' Ġużeppi fi ħdan ommu sa minn qabel it-twelid, u mill-ġdid jagħti raġunijiet validi biex isostni dan l-argument.[104] Jitkellem ukoll dwar il-merti kbar li għandu l-qaddis tagħna fir-rigward tal-verġinità fiż-żwieġ tiegħu ma' Marija u hawnhekk jistqarr *tabilħaqq il-verġinità ta' San Ġużepp kienet aktar nobbli, aktar aċċettabbli, aktar meritevoli, aktar ammirabbli u fuq kollox aktar perfetta minn dik tal-anġli.*[105] Huwa jagħti r-raġunijiet għal kull waħda mill-affermazzjonijiet tiegħu.[106] Isolani ttratta ħafna wkoll dwar ir-relazzjonijiet li żviluppaw bejn it-tliet persuni tal-Familja Mqaddsa. Fir-rigward ta' dik bejn Ġesù u Ġużeppi jirreferi għat-tradizzjoni orjentali u jagħtina din id-deskrizzjoni ħelwa ta' diskursata li Ġesù kellu mal-appostli dwar missieru: *Kont nitkellem miegħu fuq kollox, daqslikieku kont ibnu. Kien isejjaħli IBNI u jien kont insejjaħlu MISSIER, u kont inħobbu daqs dawl għajnejja.*[107]

Immorru fi Spanja fejn id-devozzjoni Ġużeppina nfirxet u kibret ferm matul is-sekli u fejn għex ***Francisco Suarez*** (1548-1617), filosofu u teologu Ġiżwita. Huwa tkellem ħafna u fisser fid-dettall dak li diġà rriferejna għalih kemm-il darba bħala l-Ordni Ipostatiku, ordni mill-aktar għoli fil-ġerarkija ċelesti li tiegħu huma appartenenti biss Ġesù, Marija u Ġużeppi. B'dan il-mod hu kkonfermat li San Ġużepp wara Marija hu fuq kull qaddis ieħor li qatt eżista u li għad jeżisti, inkluži San Ġwann il-Battista u l-istess appostli, kif indikajna iktar kmieni. Suarez jinsisti li *m'hemm xejn fl-Iskrittura Mqaddsa li jirribatti dan it-twemmin.*[108] Dan l-istudjuż jiġġustifika din il-pożizzjoni privileġġatissima ta' Ġużeppi għax, kif ifisser hu, filwaqt li l-appostli – li kienu l-eqreb lejn Ġesù fil-missjoni tiegħu – ngħatalhom li jaħdmu biex iwasslu lill-bnedmin għand il-Mulej, lil Ġużeppi ngħatalu aktar minn hekk, għax hu kellu jindokra u jieħu ħsieb il-Mulej sakemm dan ikun lest biex jingħata lill-bnedmin. Mela ma kenitx tkun possibbli l-missjoni appostolika li ma kienx għat-twettiq sħiħ tal-missjoni Ġużeppina.[109]



Waħda mill-pitturi tal-Bandalori ta' Misraħ Ħal Kirkop li juru diversi Dutturi tal-Knisja li kitbu dwar San Ġużepp u xerrdu d-devozzjoni lejh.

It-tmien u l-aħħar bandalora minn dan is-sett hija ddedikata lil ***San Frangisk ta' Sales*** li diġa' tkellimna dwaru meta rriferejna għal sett ieħor ta' pitturi li jirrafiguraw qaddisin li xerrdu devozzjoni lejn San Ġużepp. Hawnhekk inżidu biss dak li qal Faber: *Gerson kien mgħolli biex ikun id-duttur u t-teologu (tad-devozzjoni Ġużeppina), Santa Tereża, l-qaddisa tagħha u San Frangisk ta' Sales il-promotur u l-mexxej popolari tagħha.*[110]

San Ġużepp u l-Litanija Tiegħu

Fi Triq il-Parroċċa jintramaw tmien bandalori li ġew iddisinjati u mpittra minn Jeremy Cachia u li jirraffiguraw siltiet mil-Litanija ta' San Ġużepp. Il-Litanija hija talba li żviluppat fil-Medju Evu u l-popolarità tagħha infirxet malajr għax kienet tinvolvi lill-kongregazzjoni f'talbiet ħfief u ripettitivi. L-ewwel litaniji kienu ddedikati lil Alla u l-qaddisin, imbagħad saru popolari ħafna dawk tal-Madonna, tant li llum meta nsemmu l-kelma 'litanija' tiġina f'rasna minnufih dik ddedikata lil Marija Santissima. Gauthier (2001) jirrakkontalna l-istorja tal-Litanija ta' San Ġużepp.[111] Iżda l-ewwel referenza għal-Litanija Ġużeppina nsibuha fi ktieb ieħor li diġà semmejna li ħareġ mill-pinna u r-riċerka ta' Gracian.[112] Il-Litanija li jsemmi Gracian fiha 49 invokazzjoni filwaqt li l-ewwel traduzzjoni tagħha bit-Taljan fiha biss 21.

Jidher li akkwista t-test ta' din il-Litanija mingħand l-Konfraternità tal-Mastrudaxxi ta' Perugia, u ppubblikaha fil-ktieb tiegħu fl-1597, 415-il sena ilu. Minn hawn 'il quddiem tibda storja ta' litanija wara l-oħra fejn in-numru tal-invokazzjonijiet baqa' jvarja skont it-traduzzjoni u l-lingwa. Bejn l-1630 u l-1640 fi Franza dehret Litanija oħra li kienet tippreżenta l-invokazzjonijiet f'ordni alfabetiku, iżda barra din dehru ħafna u ħafna oħrajn tant li Gauthier innifsu jammetti li *huwa impossibbli tippreżenta fid-dettall il-litaniji kollha ta' San Ġużepp li ġew ppubblikati fl-aħħar snin tas-seklu XVII.*[113] U l-istess jista' jingħad għal-litaniji li dehru fis-sekli ta' wara. Tant li minbarra litaniji ġeneralistiċi dwar San Ġużepp insibu wkoll oħrajn speċifiċi ddedikati lill-Patronċinju tiegħu, lill-Qalb Safja tiegħu, lill-virtujiet tiegħu, u oħrajn biex tinqala' l-grazzja ta' mewta tajba. Sintendi dawn ma kinux kollha approvati mill-Awtoritajiet ta' Ruma. Fil-fatt insibu li l-ewwel digriet ta' approvazzjoni mill-Kongregazzjoni tar-Riti kienet iġġib id-data tat-18 ta' Marzu 1909, u l-firma tal-Papa Piju X. Gauthier jistqarr li *grazzi għal dan id-digriet, Marija u Ġużeppi saru l-uniċi żewġ qaddisin li l-litanija tagħhom kienet tgawdi l-awtorizazzjoni għall-kult pubbliku.*[114] Il-litanija li ngħidu llum tinkludi titli importanti mogħtija lil Ġużeppi bħal Iben glorjuż ta' David, Dawl tal-Patrijarki, Għarus Kastissimu tal-Verġni Omm Alla, Kustodju Safi tal-Verġni Marija, flimkien m'oħrajn li jiddeskrivu r-rwol tiegħu ta' missier Ġesù u ta' Kap tal-Familja Mqaddsa, imbagħad sensiela ta' invokazzjonijiet rigwardanti l-virtujiet li spikkaw fih, u titli oħra li jfakkruna fil-patrunaġġi attribwiti lilu. L-aħħar u l-aqwa invokazzjoni tibqa' dik ta' Protettur tal-Knisja Mqaddsa.

Triq il-Parroċċa armata daqs bajda b'bandalori li jirrappreżentaw il-Litanija ta' San Ġużepp u skrizzjonijiet bil-Latin u l-Malti meħuda mill-Quddiesa tas-Solennità tal-Patrijarka.

San Ġużepp, Dawl tal-Patrijarki

Fil-fatt dan l-aħħar ir-raħal ta' Ħal Kirkop kompla żżejjen b'bandalora kbira li proprju t-tema tagħha hija waħda mill-invokazzjonijiet li semmejna fil-Litanija ta' San Ġużepp, aktar 'il fuq. Id-disinn ta' din il-bandalora maestuża huwa ta' Manuel Grech filwaqt li l-pittura enormi hija ta' Manuel Farrugia. Aċċennajna diġà għal dan it-titlu mogħti lil San Ġużepp, u fissirna wkoll kif dan il-qaddis hu meqjus bħala l-Arċipatrijarka li jagħlaq il-bieb tat-Testment il-Qadim u jiftaħ dak tat-Testment il-Ġdid. Fil-persuna tiegħu, fl-għemejjel tiegħu, fl-eżempji sbieħ li kaxkarna bihom, ħafna studjużi kbar devoti ta' San Ġużepp raw il-virtujiet kollha li spikkaw f'għadd ta' patrijarki differenti li kkaratterizzaw il-mixja tal-poplu t'Alla fl-istorja tas-salvazzjoni, miġbura kollha flimkien u moltiplikati. F'Abraham spikkaw ħafna s-sens ta' ubbidjenza u l-fidi kbira li huwa kellu. F'Ġużeppi naraw dawn iż-żewġ virtujiet fl-aqwa tagħhom, per eżempju kull darba li qam mill-ħolm nebbieħi u għamel kif qallu l-anġlu tal-Mulej. F'Iżakk, rajna s-sens ta' devozzjoni u ħerqa liema bħalha biex jogħġob il-Mulej. Hekk ukoll rajniehom f'Ġużeppi dawn iż-żewġ virtujiet. X'm'għamilx Ġużeppi fil-konfront taż-żewġ teżori fdati minn Alla l-imbierek f'idejh. Il-ħajja ta' Ġakobb imbagħad kienet ikkaraterizzata mis-sens ta' ħidma bieżla u kontinwa u mis-sofferenza. Dawn ukoll rajniehom imseddqa fil-ħajja tal-qaddis tagħna, ħajja mimlija azzjoni, ħajja mżejna bl-IVA pija, umli u kollha rispett fil-konfront tal-Ħallieq. Healy Thompson ikompli jżid ma' dawn u jistqarr li San Ġużepp *kien paċenzjuż aktar minn Ġobb, kast aktar minn Ġużeppi tat-Testment il-Qadim, aktar żeluż minn Mosè, aktar umli minn David...*[115] L-evanġelista San Mattew jgħidilna biss li San Ġużepp kien *raġel ġust*[116], iżda fil-fatt kien qed jgħidilna ħafna, għaliex il-virtù tal-ġustizzja tiġbor fiha l-virtujiet kollha li f'Ġużeppi sabu l-milja tagħhom.[117]

San Ġużepp u l-Evanġelisti

Wieħed jifhem l-importanzi kbira li għandhom l-evanġelisti fil-konfront tal-Qaddis Patrun tagħna San Ġużepp kemm f'dak li qalu u kemm f'dak li ma qalux. L-evanġelista jdaħħal u jħalli barra dettalji skont il-ħsieb nebbiehi tiegħu u aħna nafu li n-nebħa tal-evanġelisti kienet waħda divina, jew aħjar aħna l-insara nemmnu hekk. Kif tgħid Bourassa Perrotta (2000) *il-vanġeli ma tantx jidhru li jagħtuna wisq (dwar San Ġużepp), iżda bħal fil-miraklu tal-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet li nbidlu f'ikla kbira li serviet għall-eluf ta' nies bil-ġuħ, dak il-ftit li joffrulna l-vanġeli jsir ukoll ikla kbira għar-ruħ tagħna*[118], għatxana għal dan it-tagħrif dwar dan il-qaddis.

Fid-dawl ta' dan kien inbeda proġett biex maġenb il-Knisja jintrama sett ta' erba' bandalori b'immaġini tridimensjonali tal-erba' evangelisti, li s'issa għad rajna wieħed biss, San Mark. Dawn kienu ddisinjati mill-artist żagħżugħ Jeremy Cachia filwaqt li x-xoghol tridimensjonali sar mill-istatwarju Pawlu Aquilina.

Nitkellmu ftit fuq dawn l-Evanġelisti u x'qalulna fuq San Ġużepp. San Ġwann jgħaddi biss kumment fuq il-qaddis tagħna u dan jagħmlu biex jiddentifika min hu Ġesù: Ġw 1:45; 6:42. San Mark, li ironikament tiegħu hija l-unika bandalora lesta s'issa, ma jsemmih qatt lil San Ġużepp. San Mattew u San Luqa huwa l-uniċi evanġelisti li jitrattaw it-twelid u t-tfulija ta' Ġesù, dik il-parti li allura tinvolvi r-rwol ta' San Ġużepp. Mit-tnejn huwa Mattew li jqiegħed il-figura ta' Ġużeppi fuq quddiem fix-xeni msemmija, filwaqt li San Luqa jippreferi jħallih fid-dell tal-istorja. It-tnejn iżda jagħmlu dan bl-akbar impenn lejn il-qaddis tagħna. It-tnejn iħarsu lejh minn lenti differenti, imma t-tnejn xorbu minn għejjun ta' esperjenzi differenti wkoll. San Mattew ipinġi l-Ġużeppi bħala eroj, u juri li għandu rwol importanti fl-istorja tas-salvazzjoni u mhux qiegħed hemm b'kumbinazzjoni.[119] San Luqa jippreferi jżommu moħbi u jiffoka aktar fuq Marija, forsi għax se tkun hi li se ssegwi 'l Ġesù hekk kif joħroġ mill-ħajja moħbija għal dik pubblika.[120]

Armar ieħor b'temi marbuta mar-Raħal u mal-Fratellanza Ġużeppina

Wara li dorna dawra sew mal-armar kollu li għandu tema Ġużeppina, se nduru issa għall-kumplament tal-armar li huwa mnebbaħ mill-istorja tal-parroċċa ta' Ħal Kirkop, tal-Fratellanza ta' San Ġużepp, u tal-ħidma tal-waħda u tal-oħra fir-rigward tal-festa ta' San Ġużepp. Nibdew mill-Pjazzetta San Nikola li fiha jintramaw tliet bandalori b'disinn u pitturi ta' Jeremy Cachia. Dawn huma mnebbħa mill-istorja Ekkleżjastika ta' Ħal Kirkop u juru puttini jżommu skudetti bl-armi tal-Isqof Tumas Gargallo, ta' Dun Karlu Taliana u ta' Dun Ġużepp Barbara.

L-arma tal-**Isqof Tommaso Gargallo** bir-raġun tidher f'waħda minn das-sett ta' bandalori għax kien hu li waqqaf il-parroċċa ta' Ħal Kirkop fl-1592. Ħal Kirkop fil-fatt kien jagħmel parti mill-parroċċa matriċi ta' Bir Miftuħ, iżda fl-1592 Ħal Kirkop flimkien ma' Ħal Safi u l-Imqabba nqatgħu bħala parroċċa għalihom, eventwalment dawn it-tnejn tal-aħħar reġgħu nqatgħu bħala parroċċi għalihom biex il-parroċċa ta' Ħal Kirkop akkwistat ukoll it-titlu ta' Matriċi.[121] L-Isqof Tommaso Gargallo fil-fatt mexxa d-djoċesi ta' Malta bejn l-1578 u l-1614.

L-arma tal-**Kappillan Dun Karlu Taliana** tidher fuq bandalora oħra biex tfakkar li dan kien l-ewwel kappillan ta' din il-parroċċa. Dun Karlu Taliana twieled f'Ħal Luqa fl-1563 u kien ordna saċerdot fl-1585. Jidher li kien diġà Rettur tal-knisja ta' Ħal Kirkop qabel din saret parroċċa fid-29 ta' Mejju 1592.[122] *Dun Karlu Taliana, minkejja li lanqas biss ma kellu dar fejn joqgħod, bena knisja ġdida flok dik li tinsab deskritta fir-rapport ta' Mons. Dusina tal-1575.*[123]

Ma jistax jonqos li dan is-sett jinkludi wkoll l-arma tal-Kappillan **Dun Ġużepp Barbara DD** li waqqaf il-Fratellanza ta' San Ġużepp. Azzopardi (2011) jistqarr bla tlaqliq *...huwa fatt li ma jmerih ħadd li hekk kif fl-1876 Dun Ġużepp Barbara D.D. ħa l-pussess bħala kappillan tar-raħal, huwa mill-ewwel wera x'ried u fejn ried jasal.*[124] Kulħadd intebaħ bid-devozzjoni kbira li kellu dan il-Kappillan lejn qaddis ismu, u malajr raw il-konferma ta' dan bit-twaqqif tal-Fratellanza ta' San Ġużepp, li seħħet wara li hu stess għamel supplika lill-isqof ta' dak iż-żmien Carmelo Scicluna, li fil-fatt ġiet approvata minnu fl-10 ta' Ġunju 1878.[125] Ħadem ma' dawk li setgħu jikkontribwixxu bla tbatija sabiex il-Fratellanza jkollha dak kollu li jixirqilha, mhux l-inqas l-istatwa tal-Qaddis tagħha, u festa xierqa li bdiet tikber sena wara sena. Tant kien kbir il-kontribut tal-Kappillan Barbara lejn il-Festa ta' San Ġużepp li kien hemm min beda jsejħilha "l-Festa tal-Kappillan"[126] Fi żmienu barra milli waslet l-ewwel statwa ta' San Anard li kien għamel Karlu Darmanin, kien sar ukoll damask għall-knisja kollha biex jintrama fiż-żewġ festi tar-raħal, standard prim tal-fratellanza mwaqqfa minnu stess, ħallas minn butu l-irħam tal-presbiterju u naqqax b'idejh stess il-pilastri tal-knisja, indura l-koppla minn ġewwa, għamel is-sedji tal-kor, kabbar il-korsija tal-knisja u l-kappelluni u għamel il-gallerija tal-orgni.[127] Mhux ta' b'xejn li baqa' magħruf bħala l-aqwa benefattur li qatt kellha l-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop![128]

Fi Triq Sant'Anġlu mbagħad, jintrama pavaljun iddisinjat minn Josef Camilleri li jfakkarna fit-twaqqif tal-Partit ta' San Ġużepp u juri l-ajkla bħala simbolu tal-partit, l-arma tal-Fratellanza li permezz tagħha bdiet il-festa esterna u l-kulur blu li dejjem hu assoċjat ma' San Ġużepp.

Fi Triq Santu Rokku jintramaw tmien bandalori mat-trofej li għandhom disinn ta' Joseph Cauchi u sfumar ta' Kurt Friggieri. Dawn juru l-armi tal-Fratellanza u tal-Kappillan Barbara magħquda bi fjamma mixgħula taħthom simbolu tal-eternità. Bla dubju l-idea wara dan id-disinn kien li juri kif dak li waqqaf snin ilu l-Kappillan Barbara, għax kellu għan nobbli u qaddis – dak li permezz ta' San Ġużepp iqarreb in-nies aktar lejn Ġesù – ser jibqa' wieqaf fil-qalba ta' Ħal Kirkop sal-aħħar taż-żminijiet. Il-fjamma tad-devozzjoni Ġużeppina ma tistax tintefa għax hekk tintefa jiġifieri tkun intfiet fina l-fidi fi Kristu Ġesù, u dan nemmnu u nixtiequ lkoll li ma jseħħ qatt sakemm indumu ħajjin.

Fi Triq San Benedittu, mill-Għassa sal-Każin tal-football, qed jintrama sett ta' tliet arkuni ddisinjati mill-Kav. Adonai Camilleri Cauchi. Fihom tispikka l-arma tal-Fratellanza fiċ-ċentru li tirrappreżenta lil San Ġużepp bħala Kap tas-Sagra Familja. Ħabat tajjeb li qed nitkellmu dwar dan lejn l-aħħar ta' din il-kitba, għaliex nemmen li wieħed ma jista' qatt jifred lil San Ġużepp mill-Verġni Imbierka Marija li kienet martu, u mill-Verb magħmul bniedem fil-persuna ta' Ġesù, li f'għajnejn id-dinja, għax hekk ried il-Missier Etern, kien ibnu. Tabilħaqq tant kienet qawwija u soda r-rabta ta' bejniethom bħala familja fuq din l-art, li Alla l-imbierek ippermetta li din ir-rabta ma tinħallx u tibqa' għal dejjem anke fis-sema. Hekk bit-tlugħ ta' Ġużeppi fis-sema bir-ruħ u l-ġisem li jingħad li seħħ proprju dakinhar li Ġesù kisser l-irbiet tal-Mewt u ħareġ rebbieħ fuqha, bit-Tlugħ tal-istess Sidna Ġesù Kristu fis-sema, segwit wara ħafna snin mit-tlugħ ta' Marija fis-sema, ukoll bir-ruħ u l-ġisem, il-Familja Mqaddsa ta' Nazzaret reġgħet ingħaqdet fl-ogħla livell ġerarkiku ċelesti, dak li aktar kmieni rriferejna għalih bħala l-Ordni Ippostatiku. Il-mibki u maħbub San Ġwanni Pawlu II jara fil-Familja Mqaddsa Ġesù Marija u Ġużeppi, din it-trinità terrena ...mezz biex *naslu qrib tat-Trinità Divina: il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu*.[129]

Fl-aħħar nett maġenb il-Każin tal-Football jintrama pavaljun b'pittura ċentrali bit-tema: Slaten ta' Qlubna. Dan ukoll hu frott id-dehen u l-ħidma tal-Kav. Adonai Camilleri Cauchi. U min huma s-Slaten ta' Qlubna jekk mhux Ġesù, Marija u Ġużeppi li flimkien iħeġġuna biex ma nieqfu qatt, ma naqtgħu qalbna qatt, ma nitfixklu qatt, fil-mixja ta' kull wieħed u waħda minnha li ningħaqdu flimkien f'mixja komunitarja li għandha oġġettiv wieħed komuni, is-salvazzjoni ta' ruħna. Sintendi, sakemm aħna fuq din l-art naraw x'nagħmlu biex din il-mixja nżejnuha b'opri mill-aktar sbieħ u artistiċi, nsebbħuha biex niftakru f'sebħ il-Mulej u dawk kollha li mxew warajh matul is-snin. Fuq kollox aħna xxurtjati li għandna lil San Ġużepp bħala Patrun tagħna, dak li, fi kliem San Bernardin ta' Siena, serva lill-Verb Inkarnat, dak li kkontempla bla waqfien fuq id-Divinità ta' Kristu, dak li ħabb u emmen f'Alla moħbi f'ġisem ta' tfajjel li huwa refa' fuq spallejh u ġarr bl-akbar rispett.[130]

Għeluq

Il-mixja li wieħed jagħmel madwar it-toroq tar-raħal fi żmien il-festa ta' San Ġużepp hi bla dubju ta' xejn mixja Josefoloġika, mixja li tlaqqgħek ma' dan il-Qaddis Kbir, magħżul sa mill-eternità mill-Missier Etern biex ikollu rwol importanti u distint fil-Pjan tas-Salvazzjoni tal-Bniedem. Il-mixja tfakkrek fl-episodji ewlenin fil-ħajja ta' dan il-qaddis, ħajja li laqqgħetu mal-aqwa żewġ teżori li tana Alla l-Imbierek ukoll biex jitwettaq l-imsemmi Pjan ta' Salvazzjoni, lil Ġesù, Ibnu stess magħmul bniedem bħalna u lil Marija li permezz tagħha seta' jseħħ il-Misteru tal-Inkarnazzjoni. Fost l-irġiel kollha li kienu, li huma u li għad iridu jkunu Alla l-Imbierek għażel lil Ġużeppi l-Ġust biex f'idejh jafdalu dawn iż-żewġ teżori kbar. Il-mixja Josefoloġika mar-raħal tagħna tlaqqagħna wkoll ma' persunaġġi bibbliċi li ppreċedew lil dan il-Patrijarka Kbir, u oħrajn li għexu jew kellhom x'jaqsmu b'xi mod jew b'ieħor miegħu. Imbagħad tlaqqagħna wkoll ma' studjużi kbar, dutturi tal-Knisja, u qaddisin li wrew mhux biss interess f'dan il-Qaddis iżda xerrdu wkoll id-devozzjoni lejh. Fost dawn niltaqgħu ma' Papiet, Isqfijiet, u persuni oħra li għamlu isem għalihom fl-istorja glorjuża tal-Knisja ta' Kristu. Kif rajna wkoll din il-mixja mar-raħal turina wkoll kif l-istess raħal laqa', ħabb, u mexa wara San Ġużepp għall-sekli sħaħ, u dan bis-saħħa ta' nies li ħadmu u stinkaw biex l-isem tiegħu, mhux talli ma jkun minsi qatt, iżda jinżamm dejjem merfugħ 'il fuq fil-glorja kif jixraqlu. Dan l-artiklu, umilment, joffrilek ftit ta' ħjiel dwar il-minjiera ta' tagħrif, tagħlim, studji, meditazzjonijiet, riflessjonijiet u talb li nkitbu matul is-snin fuq dan il-qaddis kbir. Jalla jservik, mhux biss ta' gwida, inti u terġa' ddur mar-raħal tagħna fi żmien il-Festa ta' San Ġużepp, iżda wkoll igħinek biex jiftaħlek l-aptit biex issir taf aktar lil dan il-Qaddis mill-viċin, biex tafda iktar f'idejh ir-ruħ għażiża tiegħek li permezz tiegħu żgur u b'garanzija għandha titwassal quddiem it-tron ta' dak li kien minn dejjem u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Għax kif qal darba Gerson, San Ġużepp Mhux Jitlob, imma Jikkmanda!

Referenzi

1 Dwar Calì ara: Fiorentino E. & Grasso L.A., 1991, *Giuseppe Calì 1846-1930*, Said Publications Malta.
2 Ibid., p. 34
3 Ibid., p. 41
4 Ibid., p. 50
5 Ibid., p. 61
6 Ibid. p. 61
7 Ibid., p. 62
8 Ibid., p. 73
9 Schembri, P. Guido, OFM, (1996), *San Ġużepp: Ir-Raġel ta' Marija, Patrun tal-Knisja Universali*, p. 33
10 Tista' tara t-test bl-Ingliż fis-sit www.osjoseph.org/stjoseph/magisterium/QuemadmodumDeus.php
11 Schembri, P. Guido, OFM, (1996), *op. cit.*, p. 35
12 Papa Piju XII huwa hawnhekk kkwotat minn: BOURASSA PERROTTA, L., 2000, *Saint Joseph His Life and His Role in the Church Today*, Indiana USA, p. 184.
13 Traduzzjoni ta' parti mill-opra letterarja Ġużeppina li ħallielna b'wirt il-magħruf Josefologu Jeronimo Gracian de la Madre de Dios (1545-1614), *Summary of the Excellencies of St Joseph*, taslilna mingħand CHORPENNING, Joseph, OSFS, 1993, St Joseph University Press.
14 FILAS, Francis Lad, 1961, *St Joseph and Daily Christian Living*, p. 125

[15] It-test bl-Ingliż jista' jinqara fis-sit www.osjoseph.org/stjoseph/magisterium/LeVoci.php
[16] BUTTIGIEG, Michael, FSC, 1996, *Morru Għand Ġużeppi*, Malta, p.71-2
[17] HEALY THOMPSON, Edward, M.A., 1980, *The Life and Glories of Saint Joseph*, TAN Books & Publishers, Illinios, p. 471
[18] Il-Papa msemmi huwa kkwotat hawnhekk minn: SCIBERRAS, Lawrenz, 2009, *Il-Mastrudaxxa ta' Nazzaret, Lumen Christi*, Gozo, p. 88
[19] Il-verżjoni bl-Ingliż wieħed jista' jara fis-sit http://www.catholic-forum.com/saints/pray0518.htm
[20] BUTTIĠIEĠ (1996) *op. cit.*, p. 70
[21] L-imsemmi Papa hu hawn kkwotat minn BUTTIĠIEĠ (1996) *op. cit.*, p. 70
[22] Il-kwotazzjoni slitta minn Sciberras (2009) op. cit., p. 88-89.
[23] Sciberras, Mons. L., (2009) *Il-mastrudaxxa ta' Nazzaret*, Lumen Christi, p. 89
[24] Dwar din l-ordni ipostatika hemm ħafna xi tgħid iżda wieħed jista' jirreferi għal xi ħaġa li ktibt dwaru f'artiklu ieħor f'pubblikazzjoni oħra bħal din. Ara Borg, A., (2008) "San Ġużepp fil-Glorja" fi *Festa San Ġużepp Ħal Kirkop 2008*, maħruġ mis-Soċjetà Mużikali San Ġużepp, pp. 154-161
[25] Sciberras (2009) op. cit., p. 90
[26] Ara l-artiklu John XXIII: *Pope of St Joseph* ta' Blaine Burkey, OFM cap fis-sit www.catholicculture.org/culture/library/view.cfm
[27] Ibid.
[28] Sciberras (2009) op. cit., p. 90
[29] It-test bl-Ingliż wieħed jista' jsibu fis-sit www.osjoseph.org/stjoseph/magisterium
[30] Traduzzjoni meħuda minn Sciberras (2009) op. cit., p. 93
[31] Ibid.
[32] *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 1992: in-numru huma riferenza għall-paragrafi tal-imsemmi dokument.
[33] Di Maria, Alberto 1943, *Giovanni De La Salle, Maestro dei Maestri e Santo*, Roma, p. 273
[34] Buttigieg, 1996, *op. cit.*, p.102
[35] Ibid., p. 103
[36] Ibid., p. 103
[37] Ibid., p. 103
[38] Exercices de Piètè, C. L. 18, p. 85 (hawn ikkwotat minn Buttiġieġ, *op. cit.* P. 107)
[39] Midgley, J.B. (2002) *Companion to Saint Joseph*, CTS Companions, p. 6
[40] Ara s-sit http://catholicharboroffaithandmorals.com (04.01.2013)
[41] Ara s-sit saints.SQPN.com (04.01.2013). Hemm sit ieħor li jikkonferma ħafna minn dawn il-pajjiżi li għandhom patrunaġġ Ġużeppin: http://www.stjosephmantua.com/Joseph.htm
[42] Schembri, P. Guido, (1996), *San Ġużepp Ir-Raġel ta' Marija Patrun tal-Knisja Universali Kors ta' Josefoloġija*, Librerija Preca, p. 42
[43] Din is-silta mill-kitbiet ta' San Franġisk ta' Sales hija liberament tradotta minn Healy Thompson, E. (1980) *The Life and Glories of Saint Joseph*, TAN Books, p. 27. L-awtur jgħid li silet din is-silta minn *Entretien, xix*.
[44] Ibid. P. 90
[45] ibid., p. 416,7
[46] Borg, Andrew, (2012) "San Ġużepp, Dawl tal-Patrijarki" fi *Festa San Ġużepp Ħal Kirkop 2012*, Soċjetà Mużikali San Ġużepp, Kirkop, pp. 209-213
[47] Sciberras (2009) *op. cit.*, p. 78
[48] Ibid.
[49] Cilia, Andrew: "San Bonaventura" artiklu li deher fil-pubblikazzjoni tal-festa taċ-Ċircolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Familja tal-Kalkara, p. 103.
[50] Sciberras, op. cit., p. 79
[51] Ix-xogħol li qed nirreferu għalih hawn huwa *In Matthaeum*, pg 57-57, iżda t-traduzzjoni bil-Malti hi miġjuba minn Sciberras (2009) *op. cit.*, p. 77
[52] Ara s-sit www.doctorsofthecatholicchurch.com/JCH.html (07.01.2013)
[53] Liberament tradott mill-Ingliż mill-ktieb ta' Rodrigues J.A. (2010) *St Joseph Prince of the Church*, USA, p. 135
[54] Liberament tradott mill-ingliż fil-ktieb ta' Rodrigues (2010) *op. cit.*, p. 136
[55] Ara Lanzi, Fernando & Gioia, *Saints and Their Symbols*, (2003), Liturgical Press Minnesota, p. 42
[56] Ibid.
[57] Mill-kummentarju ta' Joseph Chorpenning, OSFS, dwar il-ktieb *Summary of the Excellencies of St Joseph (1597)* ta' Jeronimo Gracian. Ara Chorpenning, J., (1995), *Just Man Husband of Mary Guardian of Christ* (...), St Joseph's University Press, p. 234
[58] Ibid.
[59] Ibid.
[60] Mid-diskors tal-Papa Benedittu XVI f'Yaoundè fil-Kamerun nhar it-18 ta' Marzu 2009, hawnhekk ikkwotat minn Rodrigues (2010) op. cit., p. 134.
[61] Ara Healy Thompson (1980) *op. cit.*, p. 146
[62] Ara Santu Wistin *De Cons. Evang. II, i in P. L. XXXIV, 1071-72*; *Cont. Julian, V., xii, 45 in P. L. XLIV, 810*; jew idħol fis-sit www.newadvent .org
[63] Santu Wistin, *De Nuptis et Concupiscentia, I, II, 13: PL44, 421*; *Contra Julianum V, 12, 46: PL 44, 810*
[64] Traduzzjoni libera mill-Ingliż ta' silta mill-omelija tal-Papa Pawlu VI li għamel fid-19 ta' Marzu 1969, merfugħa mill-ktieb ta' Rodrigues, (2010) op. cit., p. 134
[65] Bourassa Perrotta, L., (2000) *Saint Joseph – His Life and His Role in the Church Today*, Indiana USA
[66] Francis Filas huwa studjuż kbir li ismu huwa assoċċjat ħafna mal-Liżar ta' Kristu li hu meqjum f'Turin. Hawnhekk huwa kkwotat minn Bourassa Perrotta, (2000) op. cit.
[67] Bourassa Perrotta (2000) *op. cit*, p. 201
[68] L-awtur ta' dan l-artiklu għandu adattament għat-tfal ta' din il-leġġenda fil-ktieb "Is-Sellum ta' San Ġużepp", Deer Publications, 2010
[69] Ara Healy Thompson, (1980) *op. cit.*, p. 423, 464
[70] Ara Miesel, Sandra, *Finding St Joseph*, fuq is-sit www.catholicculture.org
[71] Ara Healy Thompson, (1980) *op. cit.*
[72] Rodrigues, (2010) *op. cit.*, p. 137
[73] Azzopardi Pawlu, (2012) "Iċ-Ċimiterju ta' San Nikola" fi *Festa San Ġużepp Ħal Kirkop 2012*, p. 81
[74] Aktar dwar l-istorja ta' dan iċ-ċimiterju f'Azzopardi, (2012) *op. cit*, pp.81-86
[75] Theuma, J., (2011) "Ħal Kirkop – Bini u Storja" f'*Festa San Ġużepp Ħal Kirkop - 125 Sena Mit-Twaqqif tas-Soċjetà*, maħruġ mis-Soċjetà Mużikali San Ġużepp, p. 133
[76] Aqra aktar f'*Festa San Ġużepp 2012*, maħruġ mis-Soċjetà Mużikali San Ġużepp, p. 42, mnejn ittieħed dan it-tagħrif.
[77] Nistieden il-qarrej jaqra kitba dwar dan tal-istess awtur: Borg, Andrew, (2009) "San Ġużepp u l-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu: Ħsibijiet dwar il-Kustodju tar-Redentur", f'*Festa San Ġużepp Kalkara*, maħruġ miċ-Circolo San Giuseppe Soċjetà Filarmonika Sagra Familja, pp. 102-109
[78] Ara Schembri (2009), *op. cit.*, p. 22
[79] Ibid.
[80] Kwotazzjoni tal-imsemmi Papa liberament tradotta mill-Ingliż ta' Rodrigues (2010) *op. cit.*, p. 135
[81] *San Ġużepp Fil-Gżejjer Maltin – Wirja Storika, 1997, Katalgu tal-Wirja*, maħruġ mill-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp,

Rabat-Mdina, pp. 47-71

[82] Ibid.

[83] Ibid.

[84] Farrugia, Pawlu, (2010) "San Ġorġ Preca - Devot ta' San Ġużepp Ħamsin Sena Wara Mewtu", fi *Festa San Ġużepp Ħal Kirkop* 2012, p. 139-141

[85] Galea, P. Franġisk, OP., (2006) "Il-Ħajja Moħbija u tas-Skiet tas-Serva t'Alla Francesca Teresa Parlar b'xebħ mal-patrijarka San Ġużepp, fi *Festa San Ġużepp Ħal Kirkop 2006*, pp. 111-117

[86] Ibid., p. 114

[87] Papa Ġwanni Pawlu II, (1989) *Redemptoris Custos* – Eżortazzjoni Appostolika, taqsima 8, u r-riferenza tindika t-test ta' Origen (Hom XIII in Lucam 7: S. Kap 87, pp214f)

[88] Ibid., taqsima 9; Origen (Hom XI in Lucam, 6:S Kap 87, pp. 196f)

[89] Dwar dan aqra: Borg, A., (2009) "Non Impetrat, sed Imperat – Mhux Jitlob, iżda jikkmanda!", fil-pubblikazzjoni *Festa Anniversarja San Ġużepp Ħal Kirkop 2009*, maħruġa mis-Soċjetà Mużikali San Ġużepp, pp.107-117

[90] Ikkwotata bil-Malti minn Buttiġieġ, Br. M., *San Ġużepp Ġħarus jew Raġel ta' Marija*, p. 7: minn Santu Wistin ir-riferenza hi *De Inst. Virgin 6: No. 41*

[91] Dwar dan aqra aktar : Borg, A., (2009) *op. cit.*, pp.107-117

[92] Healy Thompson, (1980) *op. cit.*, p. 147

[93] Dwar dan aqra aktar: Borg, A., (2009) *op. cit.*, pp.107-117

[94] Schembri, Patri G., (1996), *op. cit.*

[95] Dwar dan aqra aktar fid-dettall: Borg, A., (2009) *op. cit.*, pp.107-117

[96] Ir-riferenza hawnhekk hija għall-priedka kkatalogata bħala *Sermo i. De St Joseph*.

[97] *Quamedmodum Deus*, digriet maħruġ fit-8 ta' Diċembru 1870.

[98] Healy Thompson, (1980) *op. cit.*, p. 61

[99] Ibid., p. 32

[100] Ibid., p. 129

[101] Chetcuti, Joe, *Pubblikazzjoni tal-Festa ta' San Ġużepp*, Rabat, Malta p. 61

[102] Dwar dan aqra aktar : Borg, A., (2009) *op. cit.*, pp.107-117

[103] Dwar dan aqra aktar: Borg, A., (2009) *op. cit.*, pp.107-117

[104] Ibid.

[105] Healy Thompson (1980), *op. cit.*, p. 92

[106] Ibid.

[107] Dimech, D., 2005, *Festa ta' San Ġużepp, Kalkara*, pubblikazzjoni taċ-Circolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Familja, p. 115

[108] Healy Thompson, (1980) *op. cit.*, p. 8 u p. 52.

[109] Dwar dan aqra aktar: Borg, A., (2009) *op. cit.*, pp.107-117

[110] Faber huwa kkwotat minn Healy Thompson, (1980) *op. cit.*, p. 470

[111] Gauthier, R. (2001) *Les Litanies de saint Joseph du 16 au 20 siècle*, Montrèal

[112] Gracian, J., (1597) f'Chorpenning, ( ) op. cit

[113] Gauthier, R. (2001) op. cit., p. 57

[114] Ibid., p. 106

[115] Healy Thompson, (1980) *op. cit.*, p. 63

[116] San Mattew, Kap 1, v. 19

[117] Aqra wkoll: Borg, A. (2012) *San Ġużepp Id-Dawl tal-Patrijarki*, Festa San Ġużepp Ħal Kirkop 2012, Soċjetà Mużikali San Ġużepp, pp. 209-213

[118] Bourassa Perrotta, (2000) *op. cit.*, p. 20

[119] Aqra aktar f'Bourassa Perrotta (2000) *op. cit.*

[120] Ibid.

[121] Sacco Remiġ, (2003) "Ħal Kirkop – It-Tieni Raħal Tiegħi" fi *Festa San Ġużepp Ħal Kirkop 2003 – 125 Sena Fratellanza San Ġużepp*, p. 121

[122] Dan u aktar tagħrif jinstab fl-artiklu ta' Azzopardi, Pawlu (2010) "Intietef fuq l-istorja ta' Ħal Kirkop" fi *Festa San Ġużepp Ħal Kirkop 2010*, pp. 45-47

[123] Ibid.

[124] Azzopardi, Pawlu (2011), "Bi Kburija Nġeddu dak li Bnew Missirijietna" fi *Festa San Ġużepp 2011*, maħruġ mis-Soċjetà Mużikali San Ġużepp, p. 26

[125] Ibid.

[126] Azzopardi (2011) *op. cit.*, p. 26, jikkwota l-gazzetta *Malta Tagħna* li kienet ippubblikat ittra ffirmata Pinzetta Msadda fl-edizzjoni tad-19 t'Awwissu 1905.

[127] Ara *Festa San Ġużepp Ħal Kirkop*, (2006) p. 47

[128] Aqra aktar dwaru f' Schembri, Angelo (2003) "Dun Ġużepp Barbara D.D. Kappillan u Fundatur tal-Fratellanza u tas-Soċjetà, fi *Festa San Ġużepp Ħal Kirkop 2003 – 125 sena Fratellanza ta' San Ġużepp*, pp. 65-73

[129] Il-Papa huwa kkwotat waqt iż-żjara tiegħu fil-Parroċċa tal-Familja Mqaddsa ta' Nazzaret, Ruma fid-9 ta' Frar1992. Ara *San Giuseppe negli insegnamenti di Paolo VI e di Giovanni Paolo II*, pubblikazzjoni Shalom 2011, p. 146

[130] Rodrigues, J.A. (2010) *St Joseph Prince of the Church*, USA, p.136-137